European Asylum Support Office

# EASO programm ta’ ħidma 2014

SUPPORT IS OUR MISSION

European Asylum Support Office

# EASO
# programm ta’ ħidma
# 2014

SUPPORT IS OUR MISSION

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9243-039-9
doi:10.2847/11215

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, 2013

La l-EASO u lanqas xi persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata biss jekk jiġi rrikonoxxut is-sors.

# Werrej

1. **Programm ta' ħidma tal-EASO għall-2014** ..... 5
1.1. Introduzzjoni ..... 5
1.2. Il-missjoni tal-EASO ..... 5
1.3. Il-kompiti tal-EASO ..... 5
1.4. Indikatur ta' prestazzjoni ewlieni tal-EASO ..... 6
1.5. Il-prijoritajiet tal-EASO għall-2014 ..... 6
1.6. Evalwazzjoni esterna tal-EASO ..... 7
2. **Skeda tal-persunal tal-EASO u l-istruttura baġitarja** ..... 9
2.1. L-istruttura organizzazzjonali tal-EASO għall-2014 ..... 9
2.2. Skeda tal-persunal għall-2014 ..... 9
2.3. Il-baġit tal-EASO għall-2014 ..... 10
3. **Appoġġ permanenti** ..... 12
3.1. Taħriġ tal-EASO ..... 12
3.2. Appoġġ ta' kwalità ..... 13
3.3. Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI) ..... 14
3.4. Kooperazzjoni prattika tal-EASO ..... 15
3.5. Programmi speċifiċi ..... 15
3.5.1. Kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali ..... 16
3.5.2. L-attivitajiet tal-EASO fil-pjan ta' azzjoni għal persuni minorenni mhux akkumpanjati ..... 17
3.5.3. Traffikar tal-bnedmin ..... 17
3.6. Akkoljenza ..... 18
3.7. Lista tal-EASO tal-lingwi disponibbli ..... 18
4. **Appoġġ speċjali** ..... 19
4.1. Appoġġ imfassal apposta u tisħiħ tal-kapaċitajiet ..... 19
4.2. Rilokazzjoni ..... 20
5. **Appoġġ f'emerġenza** ..... 21
5.1. Grupp ta' intervent dwar l-asil ..... 21
5.2. Il-Greċja ..... 21
5.3. Tħejjija għall-appoġġ f'emerġenza ..... 22
6. **Appoġġ ta' informazzjoni u analiżi** ..... 23
6.1. Is-sistema ta' dokumentazzjoni tal-EASO ..... 23
6.2. Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE ..... 24
6.3. Sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija ..... 25
7. **Appoġġ ta' pajjiżi terzi** ..... 26
7.1. Risistemazzjoni ..... 26
7.2. Dimensjoni esterna ..... 27
8. **Il-qafas u n-netwerk tal-EASO** ..... 28
8.1. Bord tal-Amministrazzjoni ..... 28
8.2. Netwerk ta' kooperazzjoni tal-EASO ..... 29

8.2.1. Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea ..... 29
8.2.2. Kooperazzjoni mal-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ..... 29
8.2.3. Kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u l-aġenziji tal-JHA ..... 30
8.2.4. Kooperazzjoni mal-akkademja u l-membri tat-tribunali u l-qrati ..... 31
8.3. Forum Konsultattiv ..... 31
**9. Amministrazzjoni tal-EASO** ..... 33
9.1. Immaniġġjar tar-riżorsi umani ..... 33
9.2. Ġestjoni finanzjarja ..... 33
9.3. Ġestjoni tal-kuntratti ..... 33
9.4. Governanza tal-IT ..... 33
9.5. Komunikazzjoni ..... 33
9.6. Sistemi ta' kontroll intern u mmaniġġjar ..... 35
9.6.1. Implimentazzjoni mill-EASO tal-approċċ komuni dwar aġenziji deċentralizzati tal-UE ..... 35
9.6.2. Sistemi ta' kontroll intern u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) ..... 35
**10. Annessi** ..... 36
10.1. Kuntratti pubbliċi u impenji ġuridiċi tal-EASO fl-2014 ..... 36
10.2. Pubblikazzjonijiet u traduzzjonijiet tal-EASO fl-2014 ..... 37

# 1. Programm ta' ħidma tal-EASO għall-2014

## 1.1. Introduzzjoni

Il-programm ta' ħidma tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) isarraf l-istrateġija tal-organizzazzjoni f'għanijiet annwali u jipprovdi l-bażi għall-ippjanar baġitarju. Dan id-dokument jispjega l-pjanijiet għall-attivitajiet tal-EASO u jikkostitwixxi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament kumplessiv għall-2014. Madankollu, fl-isfond tal-għamla tal-ħidma tal-EASO u l-ħtieġa ta' reazzjoni f'waqtha u b'mod proattiv għax-xenarji, iċ-ċirkustanzi u l-prijoritajiet li qed jinbidlu, huwa pertinenti li d-direttur eżekuttiv iżomm il-flessibbiltà neċessarja li jirreaġixxi skont il-każ filwaqt li jimplimenta l-programm ta' ħidma għall-2014.

Il-programm ta' ħidma tal-EASO għall-2014 huwa relatat mal-programm ta' ħidma pluriennali tal-EASO 2014–16, li jiddefinixxi l-kuntest strateġiku tal-EASO għal dan il-perjodu.

F'dan il-kuntest, fl-2014, l-EASO se jiddedika l-isforzi tiegħu biex jappoġġja lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni koerenti tal-*acquis* rivedut tal-UE dwar l-asil (jiġifieri l-korp ta' drittijiet u obbligi komuni li jorbtu lill-Istati Membri flimkien fl-UE), li ġie adottat f'Ġunju 2013. L-EASO ser ikollu rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri f'dan il-proċess permezz ta' varjetà vasta ta' għodod li qed jiġu żviluppati sabiex jilħqu dan l-iskop.

L-EASO għadu qed jiżviluppa l-proċessi baġitarji u ta' monitoraġġ tiegħu. F'dan ir-rigward,f'dan il-programm ta' ħidma qed jiġi introdott il-paragrafu 1.4 ġdid dwar l-indikatur ewlieni ta' prestazzjoni, f'konformità mal-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea (Lulju 2012). Barra minn hekk, il-paragrafu 9.5 ġdid dwar is-sistemi ta' kontroll interni u l-immaniġġjar tal-EASO huwa inkorporat ukoll f'dan il-programm ta' ħidma. Dan tal-aħħar joħloq rabta mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-EASO tal-pjan direzzjonali dwar is-segwitu tal-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE, li l-EASO se jwettaq b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea.

Il-programm ta' ħidma tal-EASO qed jiġi prodott b'konformità mal-Artikolu 29(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ir-Regolament EASO). Il-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO adotta l-programm ta' ħidma fis-16 ta' Settembru 2013 wara li rċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' Settembru 2013. L-EASO bagħat il-programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea. Il-programm ta' ħidma tal-EASO għall-2014 se jkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-UE b'konformità mal-Artikolu 41(2).

## 1.2. Il-missjoni tal-EASO

Il-missjoni tal-EASO hija li l-Uffiċċju jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) billi jipprovdi appoġġ u billi jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri bħala ċentru indipendenti ta' kompetenza esperta dwar l-asil.

## 1.3. Il-kompiti tal-EASO

L-iskop tal-EASO huwa li jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri fir-rigward tal-ħafna aspetti tal-asil. L-EASO jipprovdi:

1. appoġġ prattiku u tekniku lill-Istati Membri;
2. appoġġ operazzjonali lill-Istati Membri li għandhom bżonnijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li huma soġġetti għal pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom, inkluża l-koordinazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ għall-asil komposti minn esperti nazzjonali dwar l-asil, kif ukoll
3. kontribut xjentifiku għat-tfassil tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil.

L-**attivitajiet prinċipali** tal-EASO jistgħu jinqasmu kif ġej:

- **appoġġ permanenti**: l-appoġġ u l-istimolu tal-kwalità komuni tal-proċess tal-asil permezz ta' taħriġ komuni, materjal ta' taħriġ komuni dwar l-asil, kwalità komuni u Informazzjoni komuni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini (Country of Origin Information — COI);
- **appoġġ speċjali**: assistenza mfassla apposta, tisħiħ tal-kapaċitajiet, rilokazzjoni, appoġġ speċifiku u proċessi speċjali għall-kontroll tal-kwalità;
- **appoġġ f'emerġenzi**: l-organizzazzjoni ta' solidarjetà għall-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet partikolari billi jiġu pprovduti appoġġ u assistenza temporanji biex jissewwew jew jerġgħu jinbnew is-sistemi tal-asil jew tal-akkoljenza;
- **appoġġ b'informazzjoni jew analiżi**: il-qsim u t-tagħqid ta' informazzjoni u dejta, analiżi u valutazzjonijiet fil-livell tal-UE, inklużi analiżi tax-xejriet komuni u valutazzjonijiet komuni;
- **appoġġ ta' pajjiżi terzi (jiġifieri pajjiżi mhux membri)**: l-appoġġ tad-dimensjoni esterna tas-SEKA, sħubijiet ta' appoġġ ma' pajjiżi terzi biex

jinstabu soluzzjonijiet komuni, inklużi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali, u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar ir-risistemazzjoni.

Il-**prinċipji** tal-EASO sabiex jaqdi l-kompiti tiegħu huma:

- l-organizzazzjoni ta' appoġġ u assistenza għall-ħtiġijiet speċifiċi jew ġenerali tas-sistemi tal-asil tal-Istati Membri;
- il-koordinazzjoni u l-istimolu ta' kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u t-titjib tal-kwalità;
- il-ħidma bħala ċentru indipendenti ta' kompetenza esperta dwar l-asil;
- l-organizzazzjoni ta' analiżi komuni u valutazzjonijiet komuni tad-dejta dwar l-asil;
- il-faċilitazzjoni u l-istimolu ta' azzjoni konġunta u konsistenza fi ħdan il-qasam tal-asil;
- l-involviment bl-impenn sħiħ tal-Istati Membri;
- ir-rispett tar-responsabilità tal-Istati Membri u tad-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-asil;
- il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-UE;
- l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali; kif ukoll
- it-twettiq tal-kompiti tiegħu bħala organizzazzjoni orjentata lejn is-servizz, imparzjali u trasparenti fil-kuntest ġuridiku, politiku u istituzzjonali tal-UE.

## 1.4. Indikatur ta' prestazzjoni ewlieni tal-EASO

L-indikatur ta' prestazzjoni ewlieni kumplessiv tal-EASO huwa rappreżentat mill-bżonnijiet espressi mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għall-appoġġ u l-attivitajiet tal-EASO u l-kapaċità tal-EASO li jipprovdi tali appoġġ u li jimplimenta l-attivitajiet meħtieġa fi ħdan is-SEKA skont dawk il-bżonnijiet.

Konsegwentement, l-indikatur ta' prestazzjoni ewlieni tal-EASO huwa rappreżentat minn indikatur kwalitattiv li għandu l-għan li juri l-impatt tal-appoġġ tal-EASO fl-implimentazzjoni tas-SEKA.

L-EASO jipprovdi valur miżjud reali billi joħloq sinerġiji fost it-28 Stat Membru billi jiffaċilita l-kooperazzjoni prattika dwar l-asil u jiġbor flimkien il-forzi tal-Istati Membri sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni għal sfidi komuni fil-qasam tal-asil.

Il-bżonn tal-ħidma tal-EASO u l-impatt tagħha se jitkejlu filwaqt li jiġu kkunsidrati:

- il-kompiti stabbiliti fir-regolament tal-EASO, l-*acquis* riformulat dwar l-asil u dokumenti tal-UE relatati oħra u l-progress tal-EASO fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet sabiex iwettaq dawn il-kompiti;
- it-talbiet magħmula mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-UE sabiex jiġu żviluppati u eżegwiti attivitajiet addizzjonali tal-EASO sabiex tkun appoġġjata l-implimentazzjoni tas-SEKA;
- l-opinjonijiet ta' evalwazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-UE dwar il-ħidma tal-EASO.

Il-programm ta' ħidma tal-EASO jidentifika għadd ta' għanijiet annwali li huma strutturati skont il-prinċipji SMART (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, realistiċi, ibbażati fuq iż-żmien (specific, measurable, achievable, realistic, time-based)). Sabiex titkejjel il-prestazzjoni tal-EASO, qed jiġu żviluppati indikaturi għal kull għan flimkien mal-eżitu mistenni u l-perjodu ta' żmien.

## 1.5. Il-prijoritajiet tal-EASO għall-2014

Fl-2014, l-EASO se jiffoka fuq l-appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-ħames strumenti ġuridiċi ta' riformulazzjoni li jistabbilixxu s-sisien tat-tieni fażi tas-SEKA: id-direttiva tal-kwalifika (Direttiva 2011/95/EU), ir-regolament Dublin III (Regolament (UE) Nru 604/2013), id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza (Direttiva 2013/33/UE), id-direttiva dwar il-proċedura tal-asil (Direttiva 2013/32/UE) u r-regolament tal-Eurodac (Regolament (UE) Nru 603/2013). L-EASO se jkollu rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri f'dan il-proċess permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod li qed jiġu żviluppati sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fl-iżvilupp ta' dawn l-għodod, l-EASO qies l-aħjar prattiki eżistenti u l-miżuri ta' kooperazzjoni prattiċi sabiex jiżgura kumplimentarjetà u sabiex jiġi evitat xogħol doppju.

**Il-prijoritajiet tal-EASO għall-2014**

- L-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-pakkett riformulat tal-asil permezz tat-taħriġ, attivitajiet prattiċi ta' kooperazzjoni, COI u rapporti tal-kwalità.
- L-iżvilupp ulterjuri tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija tal-EASO.
- L-għoti ta' appoġġ operazzjonali lill-Greċja b'konformità mal-pjan operattiv tal-fażi II u appoġġ speċjali lill-Italja.

**Sommarju tal-attivitajiet prinċipali tal-EASO fl-2014**

- L-EASO se jikkonsolida u jsaħħaħ l-istrutturi **tal-appoġġ permanenti** tiegħu sabiex ikollu bażi għall-kontinwità. L-EASO se jkompli jaġġorna l-moduli

**tat-taħriġ** tiegħu u l-materjali tat-tagħlim sabiex dawn jirriflettu l-iżviluppi tal-*acquis* riformulat tal-UE dwar l-asil kif ukoll żviluppi oħra, bħall-każistika u l-ġurisprudenza. Se jiġu żviluppati wkoll moduli ġodda tat-taħriġ li jindirizzaw it-talbiet u l-bżonnijiet tal-uffiċjali tal-asil li jaħdmu f'dan il-qasam. Ir-riżervi tal-esperti u ta' dawk li jmexxu t-taħriġ u l-grupp ta' referenza ser ikomplu jiġu kkonsolidati. Fl-2014, l-EASO se jikkonsolida iktar il-kooperazzjoni tiegħu mal-**Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-qrati u t-tribunali Ewropej** inkluża t-tħejjija ta' materjali għall-iżvilupp professjonali u l-organizzazzjoni ta' workshop avvanzat. L-EASO se jkompli l-eżerċizzju tal-immappjar tal-kwalità tiegħu u se jipprovdi wkoll għarfien espert dwar il-proċeduri tal-kwalità u l-metodoloġija tal-kwalità. L-EASO se jħejji wkoll abbozz ta' handbooks u manwali relatati mal-implimentazzjoni tal-*acquis* rivedut tal-UE dwar l-asil b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u fejn rilevanti mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR). L-EASO se jistabbilixxi sistema ta' dokumentazzjoni li se tipprovdi punt uniku ta' informazzjoni dwar is-sistemi u l-organizzazzjonijiet tal-asil tal-Istati Membri, kif ukoll dwar żviluppi fattwali, ġuridiċi u ġurisprudenzjali nazzjonali u Ewropej. L-EASO se jkompli jipprovdi COI permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-portal COI, in-netwerk COI u d-dokumentazzjoni u kooperazzjoni prattika COI. L-EASO se jagħti mbottatura lill-attivitajiet ta' **kooperazzjoni prattika** (speċifiċi għall-pajjiż, ġuridiċi u tematiċi) u se jsaħħaħ in-netwerks speċjalizzati tiegħu. Il-workshops kollha tal-EASO, il-laqgħat tal-esperti, il-konferenzi u n-netwerks se jinġabru taħt l-intestatura ta' kooperazzjoni prattika. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika tal-EASO isegwu l-istess metodoloġija u huma intenzjonati li jkollhom eżiti li jistgħu jiġu segwiti u ssorveljati fil-kuntest usa' tal-ħidma tal-EASO.

- L-EASO se jkompli jiżviluppa l-miżuri ta' **appoġġ speċjali** tiegħu fil-forma ta' miżuri mmirati għall-Istati Membri li għandhom ċerti bżonnijiet identifikati u speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-*acquis* rivedut tal-UE dwar l-asil (assistenza mfassla apposta, tisħiħ tal-kapaċitajiet, rilokazzjoni, appoġġ speċifiku u proċess speċjali ta' kontroll tal-kwalità). Matul l-2014, l-EASO se jkompli jipprovdi appoġġ speċjali lill-Italja b'konformità mal-pjan ta' appoġġ speċjali tal-EASO għal dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, fejn rilevanti, l-azzjonijiet ta' appoġġ speċjali tal-EASO se jikkumplimentaw kwalunkwe azzjoni li ssir fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-Regolament Dublin III.

- Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-*acquis* rivedut tal-UE dwar l-asil u abbażi tat-talba ta' Stat Membru u ta' pjan operazzjonali, l-EASO se jipprovdi **appoġġ f'emerġenza** lill-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjoni partikolari billi jiskjeraw esperti mill-Istati Membri fil-forma ta' timijiet ta' appoġġ għall-asil jew billi jipprovdu appoġġ ieħor kif meħtieġ. F'dan il-kuntest, l-EASO lest li jkompli bl-attivitajiet tiegħu fil-Greċja fuq il-bażi tal-pjan ta' azzjoni tal-asil u l-migrazzjoni għall-Greċja. Fejn rilevanti, l-azzjonijiet ta' appoġġ f'emerġenza tal-EASO se jaħdmu id f'id ma' kwalunkwe azzjoni li tittieħed fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-Regolament Dublin III.

- L-EASO se jkompli jiżviluppa u jsaħħaħ **is-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija** (EPS) tiegħu. L-EPS tappoġġja b'mod sħiħ u tikkontribwixxi għall-"mekkaniżmu ta' twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni tal-kriżijiet" previst fl-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Dublin riformulat. L-Artikolu jawtorizza:
  - aċċess pront għal dejta regolari komparabbli fl-Istati Membri kollha dwar l-aspetti ewlenin ta' flussi u tħejjija nazzjonali;
  - analiżijiet f'waqthom u preċiżi mill-EASO bbażati fuq fehim profond tad-differenzi u s-similaritajiet fis-sistemi nazzjonali tal-asil;
  - kapaċità msaħħa tal-EASO li jqajjem kwistjonijiet importanti direttament mal-Istati Membri kkonċernati u joffri appoġġ imfassal apposta qabel ma l-problemi jsiru kriżijiet;
  - armonizzazzjoni sinifikanti u tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ġbir tad-dejta; kif ukoll
  - analiżi permezz tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' netwerks speċifiċi.

- L-EASO se jibda l-attivitajiet tiegħu relatati mal-appoġġ għal pajjiżi terzi. F'dan il-kuntest, l-EASO huwa mistenni li jilħaq livell bażitarju li jippermetti li jinbdew kompiti relatati ma' appoġġ lil pajjiżi terzi bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea. Dan se jinkludi azzjonijiet relatati mal-appoġġjar tad-dimensjoni esterna, l-appoġġjar ta' sħubijiet ma' pajjiżi terzi biex jintlaħqu soluzzjonijiet komuni, pereżempju permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet u programmi ta' protezzjoni reġjonali, u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar ir-risistemazzjoni.

- L-EASO lest li jkollu rwol f'inizjattivi possibbli dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-asil b'mod konġunt ma' esperti minn diversi Stati Membri.

## 1.6. Evalwazzjoni esterna tal-EASO

Fl-2013, il-Kummissjoni Ewropea wettqet evalwazzjoni interna tal-EASO. L-evalwazzjoni ffukat fuq l-impatt tal-EASO fuq il-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil u fuq is-SEKA b'mod ġenerali. L-iskop tal-evalwazzjoni kien limitat u l-għan tagħha kien li tissuġġerixxi azzjonijiet ta' soluzzjonijiet mgħaġġlin sabiex jiġu implimentati u sabiex ikun jista' jiġi inkwadrat l-iskop tal-evalwazzjoni esterna li se tiġi kkummissjonata mill-EASO fl-2014 b'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament EASO. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni interna kienu għadhom mhumiex disponibbli meta ġie adottat dan il-programm ta' ħidma. L-EASO se jagħmel kull sforz sabiex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet ta' din

l-evalwazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2014.

Kif intqal, b'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament EASO, se tiġi kkummissjonata evalwazzjoni esterna mill-EASO mhux iktar tard mid-19 ta' Ġunju 2014. L-evalwazzjoni se tanalizza l-kisbiet tal-EASO fuq il-bażi tat-termini ta' referenza maħruġa mill-Bord tal-Amministrazzjoni bi ftehim mal-Kummissjoni fl-2013. L-evalwazzjoni se tkopri l-impatt tal-EASO fuq il-kooperazzjoni prattika dwar l-asil u fuq is-SEKA, b'attenzjoni xierqa għall-progress li jkun sar matul il-mandat tiegħu. B'mod partikolari, se tindirizza l-bżonn possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-EASO, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din, u se teżamina wkoll jekk l-istruttura tat-tmexxija hijiex xierqa għat-twettiq tal-obbligi tal-EASO. L-evalwazzjoni se tikkunsidra l-opinjonijiet tal-partijiet interessati, fil-livell kemm tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

# 2. Skeda tal-persunal tal-EASO u l-istruttura baġitarja ([1])




## 2.1. L-istruttura organizzazzjonali tal-EASO għall-2014

Id-**direttur eżekuttiv** huwa indipendenti fil-qadi ta' dmirijietu u huwa r-rappreżentant ġuridiku tal-EASO. Id-direttur eżekuttiv, *inter alia*, huwa responsabbli għall-immaniġġjar amministrattiv tal-EASO u għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u għad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Amministrazzjoni.

Id-direttur eżekuttiv huwa appoġġjat mill kapijiet tal-unità/ċentru, l-uffiċjal tal-kontabbiltà u minn Uffiċċju Eżekuttiv. Bħalissa l-EASO huwa kompost minn erba' unitajiet jiġifieri:

- Unità għall-Affarijiet Ġenerali u l-Amministrazzjoni (General Affairs and Administration Unit — GAAU);
- Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi (Centre for Information, Documentation and Analysis — CIDA);
- Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali (Centre for Operational Support — COS);
- Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta (Centre for Training, Quality and Expertise — CTQE).

## 2.2. Skeda tal-persunal għall-2014

Skont il-pjan tal-politika pluriennali tal-persunal għall-2014–16, l-EASO se jikber fl-2014 minn 77 għal

([1]) Iċ-ċifri kollha dwar il-persunal u l-approprjazzjonijiet inklużi f'dan il-kapitolu huma soġġetti għall-adozzjoni tal-baġit ġenerali għall-2014 mill-awtorità baġitarja.

korp ta' persunal ta' 84. It-tmien membri tal-persunal addizzjonali għall-2014 se jkunu prinċipalment reklutati miċ-ċentri tal-EASO fl-isfond tal-kompiti l-ġodda li jeħtieġ li jitwettqu.

L-istruttura ta' impjegati għall-2014 hija prevista kif ġej:

- 35 amministratur inklużi l-kapijiet tal-unità u korp korp sħiħ ta' persunal li huwa speċjalist fil-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil, inklużi xi prospettivi promozzjonali; profili ta' funzjonijiet operazzjonali ewlenin jinkludu b'mod partikolari speċjalisti fl-informazzjoni, id-dokumentazzjoni, l-analiżi, l-appoġġ operazzjonali, it-taħriġ, il-kwalità u l-esperti tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
- 14-il assistent għall-kompiti ta' appoġġ;
- 14-il espert nazzjonali ssekondat għall-kooperazzjoni fl-asil; l-esperti nazzjonali ssekondati huma maħturin b'kompetenza esperta speċjali dwar kooperazzjoni operazzjonali dwar l-asil f'oqsma differenti li fihom jopera l-EASO;
- 21 aġent kuntrattwali għall-kompiti operazzjonali u amministrattivi fil-kategoriji li ġejjin: tmien aġenti kuntrattwali fil-grupp ta' funzjoni (function group — FG) IV, tmien aġenti kuntrattwali fl-FG III, tliet aġenti kuntrattwali fil-FG II u żewġ aġenti kuntrattwali fl-FG I.

Meta mqabbel mal-2013, l-EASO se jimpjega tliet amministraturi, assistent u erba' aġenti kuntrattwali iktar fl-2014, filwaqt li l-għadd ta' esperti nazzjonali ssekondati se jitnaqqas b'wieħed.

Għal kull ċentru/unità, it-tqassim tal-persunal se jkun kif ġej:

| Entità | Persunal 2013 | Persunal 2014 |
|---|---|---|
| Direttur eżekuttiv | 1 | 1 |
| Uffiċċju Eżekuttiv | 6 | 5 |
| Unità għall-Affarijiet Ġenerali u l-Amministrazzjoni | 27 | 27 |
| Kontabbiltà, Awditjar u Kontroll Intern | 2 | 2 |
| Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi | 16 | Tbd (*) |
| Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | 12 | Tbd (*) |
| Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta | 13 | Tbd (*) |
| TOTAL | 77 | 84 |

(*) L-allokazzjoni eżatta tal-persunal għal kull ċentru se tiġi ddeterminata ladarba l-awtorità baġitarja tiddeċiedi fuq il-baġit ġenerali tal-UE għall-2014 u l-persunal awtorizzat tal-EASO.

## 2.3. Il-baġit tal-EASO għall-2014

L-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2014 jindika EUR 14 526 000 bħala r-riżorsi finanzjarji neċessarji għan-nefqa amministrattiva u operazzjonali sabiex jitwettqu l-kompiti mfassla f'dan il-programm ta' ħidma. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta r-rendikont tas-sussidju tal-Unjoni għal kull titolu ta' nefqa.

| Nefqa 2014 Ċifri f'EUR | Approprjazzjonijiet ta' impenn | Approprjazzjonijiet ta' pagament |
|---|---|---|
| **Titolu 1 — Nefqa għall-persunal** | 6 013 000 | 6 013 000 |
| **Titolu 2 — Nefqa għall-infrastruttura u operattiva** | 2 486 000 | 2 486 000 |
| **Titolu 3 — Nefqa operazzjonali** | 6 027 000 | 6 027 000 |
| **Nefqa totali** | **14 526 000** | **14 526 000** |

Il-baġit se jiġi implimentat skont ir-regolament EASO u d-Deċiżjoni Nru 2 tal-Bord tal-Amministrazzjoni dwar ir-regolament finanzjarju tal-EASO. Il-Bord tal-Amministrazzjoni se jiġi infurmat dwar kwalunkwe bidla sinifikanti għall-attivitajiet operazzjonali tal-EASO jew tal-attivitajiet operazzjonali ġodda.

**Titolu 1: Nefqa għall-persunal**

It-Titolu 1 huwa relatat man-nefqa fuq il-persunal, spejjeż relatati mal-persunal (eż. spejjeż ta' missjonijiet) u salarji. Minħabba l-għamla ta' attivitajiet tal-EASO, diversi spejjeż relatati mal-operazzjonijiet jinsabu taħt it-Titolu 1. It-Titolu 1 ikopri spejjeż għall-missjonijiet ta' persunal tal-EASO, li huma relatati direttament mal-operazzjonijiet tal-EASO, spejjeż għall-persunal operazzjonali, spejjeż għall-persunal amministrattiv, li jiffaċilitaw l-operazzjonijiet EASO, bħat-timijiet ta' appoġġ għall-asil, laqgħat tal-esperti u taħriġ.

**Titolu 2: Infrastruttura u nefqa operattiva**

It-Titolu 2 huwa relatat man-nefqa għall-ispejjeż amministrattivi għal, fost l-oħrajn:

- kiri ta' binjiet u spejjeż assoċjati: EUR 665 000;
- ICT: EUR 540 000; ta' min jinnota li t-Titolu 2 ma jinkludix nefqiet operazzjonali tal-IT bħal spejjeż għall-portal tal-internet li jikkostitwixxu parti min-nefqa taħt it-Titolu 3;
- laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO u nefqa amministrattiva relatata oħra: EUR 326 000; ta' min jinnota li t-Titolu 2 ma jinkludix l-ispejjeż għal-laqgħat tal-esperti taħt l-attivitajiet operazzjonali,

u lanqas ma japplika għall-Forum Konsultattiv li jikkostitwixxi parti min-nefqa taħt it-Titolu 3;

- traduzzjoni, informazzjoni u pubblikazzjoni: EUR 300 000; ta’ min jisħaq li t-Titolu 2 ikopri l-ispejjeż għall-komunikazzjoni korporattiva, iżda ma jinkludix l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tar-rapporti taħt l-attivitajiet operazzjonali differenti, pereżempju ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE u r-rapporti COI li jikkostitwixxu nefqa taħt it-Titolu 3;
- konsulenza u evalwazzjoni tal-EASO: EUR 200 000.

**Titolu 3: Nefqa operazzjonali**

It-tabella li ġejja tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-abbozz tal-baġit assenjat skont it-Titolu 3 għall-kompiti differenti, li n-nefqa tagħhom hija spjegata fid-dettall fil-kapitoli li ġejjin.

| Titolu 3 | Nefqiet operazzjonali | 6 027 000 |
|---|---|---|
| **Kap. 31** | Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-SEKA | 380 000 |
| **3101** | Appoġġ orizzontali għall-implimentazzjoni tas-SEKA | – |
| **3102** | Rapport annwali dwar l-asil | 130 000 |
| **3103** | Twissija bikrija u analiżi tad-dejta | 250 000 |
| **Kap. 32** | Appoġġ għall-kooperazzjoni prattika tal-Istati Membri | 3 450 000 |
| **3201** | Appoġġ orizzontali għall-kooperazzjoni prattika tal-Istati Membri (*1) | 150 000 |
| **3202** | Taħriġ tal-EASO | 1 450 000 |
| **3203** | Proċessi tal-kwalità (*2) | 800 000 |
| **3204** | Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini | 600 000 |
| **3205** | Rilokazzjoni, risistemazzjoni u dimensjoni esterna | 450 000 |
| **Kap. 33** | Appoġġ għall-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjoni partikolari | 2 047 000 |
| **3301** | Appoġġ orizzontali għall-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjoni partikolari | 150 000 |
| **3302** | Appoġġ f’emerġenza | 1 897 000 |
| **Kap. 34** | Kooperazzjoni mal-imsieħba u l-partijiet interessati | 150 000 |
| **3401** | Kooperazzjoni mal-imsieħba u l-partijiet interessati | 150 000 |

(*1) Inkluża lista ta’ lingwi disponibbli.
(*2) Inklużi minorenni mhux akkumpanjati u traffikar ta’ bnedmin.

# 3. Appoġġ permanenti

L-appoġġ permanenti tal-EASO għall-Istati Membri għandu l-għan li jappoġġja l-implimentazzjoni tas-SEKA, u li jippromwovi u jtejjeb il-kwalità tal-proċessi u s-sistemi tal-asil. Dan l-appoġġ għandu l-għan li jippromwovi implimentazzjoni konsistenti tas-SEKA fl-UE u li jaqsam l-għarfien u l-ħiliet komuni, l-organizzazzjoni u l-proċeduri, l-informazzjoni, ir-riżorsi u l-aħjar prattiki. L-appoġġ permanenti tal-EASO jikkonsisti:

- f’taħriġ tal-EASO;
- f’appoġġ ta’ kwalità lis-sistemi tal-asil tal-Istati Membri;
- f’COI;
- f’kooperazzjoni prattika tal-EASO; kif ukoll
- fi programmi speċifiċi, bħall-kooperazzjoni tal-EASO mal-qrati u t-tribunali tal-Istati Membri u Ewropej u attivitajiet fir-rigward ta’ persuni minorenni mhux akkumpanjati, ta’ lista ta’ lingwi disponibbli u ta’ kooperazzjoni għall-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin.

## 3.1. Taħriġ tal-EASO

| Taħriġ tal-EASO | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jappoġġja lill-Istati Membri jiżviluppaw u jibnu l-ħiliet u l-kompetenzi tal-persunal tagħhom permezz ta’ taħriġ komuni kwalitattiv. It-taħriġ tal-EASO jkopri aspetti differenti tas-SEKA u għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-SEKA billi jappoġġja l-istabbiliment ta’ livell ta’ kwalità komuni fl-UE kollha. Għal dan l-għan, l-EASO jsegwi approċċ fuq żewġ binarji: min-naħa, l-EASO jiżviluppa materjal ta’ taħriġ rilevanti u min-naħa l-oħra, l-EASO jorganizza taħriġ ibbażat fuq sistema ta’ ħarreġ lill-ħarrieġ.<br>L-EASO jikkoopera ma’ aġenziji oħra tal-UE, b’mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL), fil-qasam tat-taħriġ. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiżgura li l-materjali tat-taħriġ u l-għodod tat-taħriġ żviluppati u aġġornati matul l-2014 se jkunu konformi mal-*acquis* riformulat tal-UE dwar l-asil. F’dan il-proċess, l-EASO għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-partijiet interessati rilevanti, b’mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea u korpi oħra tal-UE u l-aġenziji tal-UE għall-ġustizzja u l-intern (JHA), bħall-Frontex, l-FRA u s-CEPOL. Se tingħata attenzjoni xierqa, b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-UNHCR għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, kwistjonijiet ta’ vulnerabbiltà u l-mutilazzjoni tal-ġenitali femminili. Għal dan l-għan, membru ġdid tal-persunal se jkun qed jaħdem speċifikament fuq kwistjonijiet relatati mas-sess u ma’ gruppi vulnerabbli. Matul l-2014 se jiġi żviluppat modulu ta’ taħriġ dwar il-ġeneru. Addizzjonalment, l-EASO se jiżgura li suġġetti relatati mas-sess jiġu ssimplifikati fil-materjali tat-taħriġ tiegħu.<br>L-iżviluppi ġurisprudenzjali fil-livell tal-UE u internazzjonali se jkun ħaqqhom attenzjoni speċjali. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jagħti bejn 12 u 14 –il sessjoni ta’ ħarreġ lill-ħarrieġ bil-għan li jħarreġ bejn 120 u 160 ħarrieġ ġdid. | K1–K4 | Għadd ta’ sessjonijiet ħarreġ lill-ħarrieġ mogħtija;<br>Għadd ta’ ħarrieġa ġodda mħarrġa;<br>Livell ta’ sodisfazzjoni ta’ dawk imħarrġa. |
| L-EASO se jagħti tliet sessjonijiet reġjonali ta’ ħarreġ lill-ħarrieġ. | K1–K4 | Għadd ta’ sessjonijiet ħarreġ lill-ħarrieġ mogħtija;<br>Livell ta’ sodisfazzjoni ta’ dawk imħarrġa. |
| L-EASO se jipprovdi appoġġ espert lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tat-taħriġ tal-EASO fuq il-pjattaforma tiegħu ta’ tagħlim elettroniku u f’livell nazzjonali. | K1–K4 | Għadd ta’ moduli ta’ taħriġ tal-EASO se jiġu tradotti fil-lingwi nazzjonali tal-UE mill-Istati Membri u se jiġu implimentati mill-EASO fuq il-pjattaforma tiegħu ta’ tagħlim elettroniku;<br>Għadd ta’ sessjonijiet ta’ taħriġ nazzjonali amministrati mill-EASO fuq il-pjattaforma tiegħu ta’ tagħlim elettroniku. |

| | | |
|---|---|---|
| L-EASO se jaġġorna sa sitt moduli. | K1–K4 | Għadd ta' moduli aġġornati u implimentati fuq il-pjattaforma tiegħu ta' tagħlim elettroniku;<br>Perjodu ta' żmien li matulu jitlestew l-aġġornamenti tal-modulu. |
| L-EASO se jiżviluppa sa żewġ moduli ta' taħriġ. | K1–K4 | Għadd ta' moduli ta' taħriġ mibdija;<br>Għadd ta' moduli żviluppati u mtellgħin fuq il-pjattaforma ta' taħriġ;<br>Perjodu ta' żmien li matulu jiġu żviluppati l-moduli. |
| L-EASO se jorganizza seminar didattiku annwali. | K4 | Għadd ta' ħarrieġa jattendu s-seminar didattiku;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti. |
| L-EASO se jorganizza sa żewġ laqgħat ta' taħriġ għall-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCP). | K2, K4 | Għadd ta' parteċipanti jattendu l-laqgħa tal-NCP;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa annwali tal-grupp ta' referenza. | K4 | Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa. |
| L-EASO se jiżviluppa sa żewġ handbooks ta' taħriġ tal-EASO. | K1–K4 | Għadd ta' handbooks ta' taħriġ tal-EASO żviluppati;<br>Użu tal-handbooks. |
| L-EASO se janalizza s-sistema kurrenti tal-ġbir tad-dejta tat-taħriġ (taħriġ tal-kokpit) u se jiżviluppa sistema ta' rapportar dwar l-użu tat-taħriġ tal-EASO fil-livell nazzjonali u tal-UE bħala parti mis-sistema ta' dokumentazzjoni ġenerali tal-EASO. | K2 | Użu ta' dejta għas-sistema ta' rapportar;<br>Użu tal-eżitu tal-analiżi tat-taħriġ kurrenti. |
| **Baġit** | 3202 Taħriġ | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta | |

## 3.2. Appoġġ ta' kwalità

| **Appoġġ ta' kwalità tal-EASO** | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jfassal proċeduri u se jidentifika, jaqsam u jikkontribwixxi sabiex jitfasslu l-aħjar prattiki. Fuq il-bażi tal-analiżi tal-bżonnijiet tagħhom, l-EASO se jassisti lill-Istati Membri biex itejbu l-kwalità tal-proċeduri tal-asil tagħhom billi jiżviluppa u jaqsam għodod prattiċi.<br>L-EASO se jikkunsidra s-sorsi ta' informazzjoni rilevanti kollha matul dan il-proċess u fejn neċessarju, jikkonsulta lill-partijiet interessati kompetenti. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiżviluppa l-għodod u l-materjali ta' kwalità tiegħu (pereżempju manwali, mudelli u listi ta' kontroll) sabiex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Istati Membri tal-pakkett riformulat tal-UE tal-asil b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza sa tliet laqgħat tematiċi ta' kooperazzjoni prattika dwar aspetti speċifiċi tal-kwalità jew aspetti tas-SEKA. | K1–K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jidentifika u jaqsam għodod prattiċi, inklużi sistemi ta' monitoraġġ, għall-appoġġ tal-kwalità fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-asil tal-Istati Membri u aspetti oħra tas-SEKA.<br><br>L-EASO se jaġġorna l-lista ta' proġetti u inizjattivi ta' kwalità. | K1–K4 | Għadd ta' għodod u mekkaniżmi ta' kwalità identifikati;<br>Lista aġġornata ta' proġetti u inizjattivi ta' kwalità. |

| | | |
|---|---|---|
| L-EASO se jorganizza sa sitt workshops dwar il-kooperazzjoni prattika għall-esperti sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp tal-għodod relatati mal-kwalità sabiex jassistu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-SEKA.<br><br>L-EASO se jippubblika sa żewġ għodod għall-ipproċessar tal-kwalità. | K1–K4 | Għadd ta' workshops tal-esperti;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Għadd ta' għodod prattiċi żviluppati u ppubblikati;<br>Użu tal-għodod għall-ipproċessar tal-kwalità. |
| **Baġit** | 3203 Proċessi tal-Kwalità | |
| **Riżorsi Umani** | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità, u l-Kompetenza Esperta | |

## 3.3. Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI)

| **Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini (COI)** | |
|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jiżviluppa sistema komprensiva tal-UE dwar is-COI, billi jgħolli u jarmonizza l-istandards flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea permezz ta' approċċ ta' netwerk.<br>Fejn possibbli, għall-ħidma COI tiegħu, l-EASO se juża l-kompetenza esperta ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-UNHCR, l-akkademja u esperti mis-soċjetà ċivili. |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jkompli jiżviluppa l-kapaċità tal-UE fis-COI taħt il-parametri tal-fattibbiltà, effettività u armonizzazzjoni. L-EASO se jistabbilixxi u jikkoordina netwerks COI speċifiċi, inklużi esperti tal-Istati Membri, dwar il-pajjiżi tal-oriġini ta' interess fil-livell tal-UE.<br>In-netwerks COI se jfasslu l-prodotti COI eżistenti u jistgħu jipproduċu materjali COI (pereżempju rapporti, skedi informattivi) b'konformità mal-metodoloġija dwar is-COI tal-EASO. L-eżitu tan-netwerks se jittella' fuq il-portal tal-internet COI fis-sistema ta' dokumentazzjoni ġenerali tal-EASO. |

**Prestazzjoni**

| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
|---|---|---|
| L-EASO se jkompli jiżviluppa l-portal tal-internet COI, li torbot il-bażijiet ta' dejta nazzjonali u internazzjonali u li tipprovdi teżawru u FAQs. | K1–K4 | Għadd ta' dokumenti b'link għalihom permezz tal-portal tal-internet;<br>Għadd ta' bażijiet ta' dejta marbuta mal-portal tal-internet;<br>Għadd ta' utenti. |
| L-EASO se jimmappja r-riċerka li bħalissa hija disponibbli u jidentifika nuqqasijiet li jeħtieġ li jimtlew. | K1–K4 | Għadd u tip ta' prodotti tas-COI fil-livell ta' Stat Membru immappjati. |
| L-EASO se jistabbilixxi sa ħames netwerks speċjalizzati ta' kooperazzjoni prattika dwar pajjiżi ta' oriġini speċifiċi u jorganizza laqgħat inawgurali ta' kull wieħed minnhom. | K1–K4 | Għadd ta' netwerks stabbiliti;<br>Għadd ta' parteċipanti fin-netwerks;<br>Għadd ta' laqgħat inawgurali. |
| L-EASO se jevalwa x-xogħol tan-netwerks tas-COI imwaqqfa fl-2013. | K4 | Għadd ta' evalwazzjonijiet;<br>Użu tal-eżitu tal-evalwazzjonijiet. |
| L-EASO se jiżviluppa sa ħames prodotti tas-COI permezz ta' dawk in-netwerks ibbażati fuq il-metodoloġija tar-rapporti tal-EASO dwar is-COI. | K1–K4 | Għadd u tip ta' prodotti tas-COI żviluppati permezz tan-netwerks;<br>Użu tal-prodotti. |
| L-EASO se jirrevedi u jsaħħaħ il-metodoloġija tal-EASO dwar is-COI. | K2–K3 | Metodoloġija tal-EASO dwar is-COI riveduta;<br>Użu tal-eżitu tar-reviżjoni;<br>Użu tal-metodoloġija tal-EASO dwar is-COI; |
| L-EASO se jorganizza sa erba' laqgħat ta' kooperazzjoni prattika tal-EASO dwar suġġetti speċifiċi ta' interess għan-netwerks. | K1–K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |

| | | |
|---|---|---|
| L-EASO se jorganizza sa żewġ laqgħat strateġiċi dwar in-netwerk tas-COI. | K2, K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jorganizza sa żewġ laqgħat nazzjonali dwar in-netwerk tal-amministraturi tal-portal tal-internet tas-COI. | K2, K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jipproduċi sa żewġ rapporti tal-EASO dwar is-COI u prodotti oħra relatati mas-COI. | K2, K4 | Għadd u tip ta' rapporti tas-COI;<br>Użu li jkun sar mir-rapporti tas-COI. |
| **Baġit** | 3204 Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini | |
| **Riżorsi Umani** | Iċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi | |

## 3.4. Kooperazzjoni prattika tal-EASO

| **Kooperazzjoni prattika** | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jorganizza attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni Ewropea u partijiet interessati oħra, inklużi konferenzi, workshops, laqgħat tal-esperti u netwerks speċjalizzati, sabiex jiddiskutu u jieħdu azzjoni dwar diversi kwistjonijiet ta' rilevanza għall-UE kollha fil-qasam tal-asil, (pereżempju fuq il-politika, l-interpretazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-asil, is-sitwazzjonijiet fil-pajjiżi tal-oriġini, l-aħjar prattiki, il-flussi tal-emerġenza, eċċ) | |
| **Ġdid fl-2014** | Il-workshops, il-laqgħat tal-esperti, il-konferenzi u n-netwerks kollha tal-EASO ta' xorta ġuridika u tematika u speċifika għall-pajjiżi, se jinġabru taħt l-intestatura ta' kooperazzjoni prattika u se jiġu allinjati mal-pakkett riformulat tal-UE dwar l-asil f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea. Il-kooperazzjoni prattika hija kunċett u ġiet żviluppata metodoloġija bl-appoġġ ta' grupp ta' ħidma fl-ewwel sentejn tal-operazzjonijiet tal-EASO. Dawn l-attivitajiet isegwu l-istess metodoloġija u huma maħsbin sabiex inisslu eżiti li jistgħu jiġu segwiti u ssorveljati fil-kuntest usa' tal-ħidma tal-EASO. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza 37 attività ta' kooperazzjoni prattika (*1). | K1–K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu ta' kull attività. |

(*1) Dettalji tal-attivitajiet individwali ta' kooperazzjoni prattika tal-EASO u l-baġit tagħhom u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani huma definiti f'taqsimiet differenti tal-programm ta' ħidma.

## 3.5. Programmi speċifiċi

L-EASO se jieħu sehem fi programmi speċifiċi u se jiżviluppa attivitajiet immirati sabiex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' oqsma speċifiċi tas-SEKA b'konformità mal-pakkett riformulat dwar l-asil bħall-kooperazzjoni mal-qrati u t-tribunali, persuni minorenni mhux akkumpanjati u t-traffikar ta' bnedmin.

## 3.5.1. Kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

| **Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-qrati u t-tribunali** | | |
|---|---|---|
| **L-għan(ijiet) tal-EASO** | Sabiex isostni l-implimentazzjoni sħiħa u koerenti tas-SEKA, l-EASO jipprovdi appoġġ għall-qrati u t-tribunali tal-Istati Membri permezz ta’ tħejjija konġunta ta’ materjali għall-iżvilupp personali, l-istimolu tad-djalogu fost il-qrati u t-tribunali Ewropej u tal-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta’ workshops avvanzati għall-membri tal-qrati u t-tribunali Ewropej u tal-Istati Membri.<br>L-attivitajiet tal-EASO se jiġu żviluppati fir-rigward tal-indipendenza tal-qrati u t-tribunali b’kunsiderazzjoni għall-ġurisprudenza Ewropea u tal-Istati Membri u se jiffukaw fuq l-istrumenti ġuridiċi tas-SEKA. L-attivitajiet se jiġu implimentati b’kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. | |
| **Ġdid fl-2014** | Fl-2014, l-EASO se jikkonsolida l-kooperazzjoni tiegħu mal-qrati u t-tribunali Ewropej u tal-Istati Membri. L-EASO se jorganizza konferenza mal-qrati u t-tribunali Ewropej u tal-Istati Membri biex iniedi l-attivitajiet tiegħu, jippubblika l-ewwel materjali għall-iżvilupp personali tal-EASO u jkompli jiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-qrati u t-tribunali Ewropej u tal-Istati Membri. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **L-attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-adozzjoni tad-dokument kunċettwali tal-EASO dwar il-provvediment ta’ appoġġ lill-qrati u t-tribunali tal-Istati Membri. | K1 | Adozzjoni tad-dokument kunċettwali;<br>Għadd ta’ qrati u tribunali involuti fil-proċess. |
| L-EASO se jorganizza konferenza ta’ kooperazzjoni prattika għall-membri tal-qrati u t-tribunali. | K2, K3 | Konferenzi organizzati;<br>Għadd ta’ parteċipanti;<br>Livell ta’ sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-konferenza. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa annwali waħda u workshop wieħed avvanzat dwar il-kooperazzjoni prattika għall-membri tal-qrati u t-tribunali. | K4 | Għadd ta’ laqgħat u workshops;<br>Għadd ta’ parteċipanti;<br>Livell ta’ sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Għadd ta’ qrati u tribunali involuti fl-attivitajiet tal-EASO;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa annwali u tal-workshop avvanzat. |
| L-EASO se jorganizza sa tliet laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar l-iżvilupp tal-appoġġ tal-EASO għall-membri tal-qrati u t-tribunali. | K1–K4 | Għadd ta’ laqgħat;<br>Għadd ta’ parteċipanti;<br>Livell ta’ sodisfazzjoni tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jiżviluppa u jqassam sa żewġ għodod ta’ appoġġ disponibbli għall-membri tal-qrati u t-tribunali. | K1–K4 | Għadd ta’ għodod ta’ appoġġ żviluppati u distribwiti;<br>Għadd ta’ pubblikazzjonijiet;<br>Użu ta’ għodod ta’ appoġġ; |
| **Baġit** | 3202 Taħriġ | |
| **Riżorsi Umani** | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta. | |

### 3.5.2. L-attivitajiet tal-EASO fil-pjan ta' azzjoni għal persuni minorenni mhux akkumpanjati

| Attivitajiet tal-EASO fil-pjan ta' azzjoni għall-persuni minorenni mhux akkumpanjati | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jipprovdi appoġġ u se jiżviluppa kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri fuq kwistjonijiet relatati ma' persuni minorenni mhux akkumpanjati fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-persuni minorenni mhux akkumpanjati (2010-2014) u b'kunsiderazzjoni għall-ħidma ġenerali għall-protezzjoni tat-tfal u għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, żviluppata fost l-oħrajn mill-Kummissjoni Ewropea u l-FRA. L-EASO se jiffoka fuq l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' kriterji għall-aħjar prattiki relatati mal-persuni minorenni mhux akkumpanjati bħala parti mill-implimentazzjoni tas-SEKA. | |
| **Ġdid fl-2014** | Fl-2014, l-EASO se jikkonsolida kwistjonijiet tematiċi li diġà nbdew u se jappoġġja lill-Istati Membri fuq kwistjonijiet ewlenin oħra kif identifikati fil-pjan ta' azzjoni. L-EASO għandu l-għan li jibni fuq il-kooperazzjoni prattika u jaħdem ma' gruppi ta' esperti rilevanti oħra minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea u aġenziji u korpi oħra tal-UE bħas-CEPOL, l-FRA, il-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol). | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza konferenza annwali dwar il-kooperazzjoni prattika fir-rigward ta' persuni minorenni mhux akkumpanjati. | K4 | Għadd u tip ta' parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-konferenza. |
| L-EASO se jorganizza sa erba' laqgħat tematiċi tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar il-persuni minorenni mhux akkumpanjati. | K1–K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd u tip ta' parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jiżviluppa u jippubblika dokument dwar it-traċċar tal-familja. | K1–K4 | Dokument dwar it-traċċar tal-familja żviluppat u ppubblikat;<br>Użu tad-dokument dwar it-traċċar tal-familja. |
| L-EASO se jevalwa u jaġġorna l-handbook dwar il-valutazzjoni tal-età. | K1–K2 | Il-handbook dwar il-valutazzjoni tal-età jiġi evalwat u aġġornat;<br>Użu tal-eżitu tal-evalwazzjoni. |
| **Baġit** | 3203 Proċessi tal-Kwalità | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta | |

### 3.5.3. Traffikar tal-bnedmin

| Attivitajiet tal-EASO għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jappoġġja l-istrateġija tal-UE għall-qerda tat-traffikar tal-bnedmin (2012–16) u l-implimentazzjoni koerenti tagħha. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jintegra aspetti tat-traffikar tal-bnedmin (THB) relatati mal-asil fl-attivitajiet EASO kollha u se jappoġġja politika ta' koerenza. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jieħu sehem f'attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-JHA u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni oħrajn għall-prevenzjoni tat-THB u għall-glieda kontrih. | K1–K4 | Għadd ta' attendenzi f'laqgħat konġunti;<br>Għadd ta' attivitajiet konġunti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa waħda tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-traffikar tal-bnedmin. | K1 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| **Baġit** | 3203 Proċessi ta' Kwalità | |
| **Riżorsi Umani** | Iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza Esperta | |

## 3.6. Akkoljenza

| Sistemi u kundizzjonijiet ta' akkoljenza | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jibda jsaħħaħ il-kapaċità interna tiegħu fuq is-sistemi u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fl-Istati Membri u se jiddefinixxi r-rwol tiegħu b'kunsiderazzjoni għall-kompetenza esperta disponibbli f'dak il-qasam, u fost l-oħrajn, l-istudji mwettqa min-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN) dwar is-suġġett. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-iżvilupp tal-istrateġija tal-EASO fir-rigward tar-rwol ta' appoġġ tiegħu li jikkonċerna s-sistemi u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-Istati Membri b'konformità mal-pakkett riformulat dwar l-asil. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jiżviluppa strateġija dwar is-sistemi ta' akkoljenza. | K4 | Żviluppata strateġija dwar ir-rwol tal-EASO fis-sistemi ta' akkoljenza. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar is-sistemi u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza. | K2 | Laqgħa organizzati ;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa. |
| **Baġit** | 3301 Appoġġ orizzontali għall-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni partikolari | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

## 3.7. Lista tal-EASO tal-lingwi disponibbli

| Lista tal-EASO tal-lingwi disponibbli | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jappoġġja lill-Istati Membri sabiex ikollhom aċċess faċli għal-lingwi kollha disponibbli fl-Istati Membri l-oħra permezz tal-lista ta' lingwi disponibbli. | |
| **Ġdid fl-2014** | Reviżjoni u aġġornament tal-lista ta' lingwi disponibbli. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| Reviżjoni u aġġornament tal-lista ta' lingwi disponibbli | K1–K4 | Għadd ta' reviżjonijiet u aġġornamenti;<br>Użu tal-eżitu tar-reviżjoni;<br>Użu tal-lista ta' lingwi disponibbli minn Stat Membru. |
| **Linja baġitarja** | 3301 Appoġġ orizzontali għall-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni partikolari. | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

# 4. Appoġġ speċjali

Is-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija tal-EASO tista' tindika l-bżonn ta' appoġġ speċjali għas-sistemi tal-asil tal-Istati Membri, li twassal għal miżuri ta' appoġġ speċjali li jippermettu lill-Istati Membri biex iħejju aħjar u biex itejbu l-kwalità tal-proċess tal-asil fil-kuntest tas-SEKA. Matul l-2014, l-EASO se jkompli jipprovdi appoġġ speċjali lill-Italja b'konformità mal-pjan ta' appoġġ speċjali għal dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, fejn rilevanti, l-azzjonijiet ta' appoġġ speċjali tal-EASO se jaħdmu id f'id ma' kwalunkwe azzjoni li ssir fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-regolament Dublin III.

L-appoġġ speċjali jikkonsisti:

- f'appoġġ imfassal apposta;
- fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet; kif ukoll
- rilokazzjoni.

## 4.1. Appoġġ imfassal apposta u tisħiħ tal-kapaċitajiet

| Appoġġ lil Stati Membri li għandhom bżonn speċjali | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jiżviluppa miżuri li jassistu lis-sistemi tal-Istati Membri li għandhom bżonn appoġġ speċjali rigward is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.<br>L-EASO se jiżviluppa qafas li jappoġġja s-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jipprovdi attivitajiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet li jsaħħu oqsma kritiċi fl-Istati Membri kkonċernati, fl-isfond tal-implimentazzjoni tal-pakkett riformulat dwar l-asil tas-SEKA. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **L-attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jipprovdi pjanijiet ta' appoġġ imfassal apposta lill-Istati Membri, biex jappoġġja l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw is-sistemi tal-asil tagħhom. | K1–K4 | Jiġu implimentati għadd ta' pjanijiet ta' appoġġ speċjali;<br>Perjodu ta' żmien li fih l-EASO jista' jipprovdi appoġġ speċjali;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-Istati Membri bil-miżuri speċjali ta' appoġġ. |
| Żvilupp ta' qafas EASO għall-appoġġ tas-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri. | K4 | Jiġi żviluppat qafas EASO għall-appoġġ. |
| **Baġit** | 3302 Appoġġ f'emerġenza | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

## 4.2. Rilokazzjoni

| Attivitajiet ta' appoġġ għar-rilokazzjoni fil-livell tal-UE u nazzjonali | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jippromwovi, jiffaċilita u jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki tar-rilokazzjoni fi ħdan l-UE. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiżviluppa metodoloġiji u għodod speċjali għall-implimentazzjoni tar-rilokazzjoni fi ħdan l-UE, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill fuq qafas komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika lejn l-Istati membri li jaffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluż permezz ta' flussi ta' migrazzjoni mħallta u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-solidarjetà fl-UE (COM(2011) 835 finali). | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jiżviluppa metodoloġiji u għodod għar-rilokazzjoni bbażati fuq l-esperjenza tal-proġett pilota tal-UE għar-rilokazzjoni intra-UE minn Malta (Eurema) u diversi miżuri bilaterali ta' rilokazzjoni. | K1–K4 | Jiġu żviluppati għadd ta' metodoloġiji u għodod;<br>Użu tal-metodoloġiji u l-għodod. |
| L-EASO se jieħu sehem fil-forum annwali dwar ir-rilokazzjoni inkluż permezz tal-forniment ta' dejta. | K3 | Għadd u tip ta' dejta pprovduta;<br>Użu tad-dejta pprovduta. |
| L-EASO se jappoġġja miżuri ta' rilokazzjoni possibbli miftiehma fil-livell tal-UE. | K1–K4 | Għadd u tip ta' miżuri pprovduti. |
| L-EASO se jorganizza sa żewġ laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). | K2, K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat.. |
| **Baġit** | 3205 Rilokazzjoni, risistemazzjoni u dimensjoni esterna | |
| **Riżorsi umani** | Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

# 5. Appoġġ f'emerġenza

Skont ir-regolament li jsejjes l-EASO, l-EASO lest li jappoġġja lill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-Istati Membri taħt pressjonijiet partikolari jistgħu jitolbu appoġġ f'emerġenza lill-EASO.

Fuq il-bażi tal-pjan tal-asil u l-migrazzjoni għall-Greċja, l-EASO se jkompli bl-attivitajiet tiegħu fil-Greċja skont il-fażi II tal-pjan operattiv tal-EASO.

L-EASO se jagħmel użu sħiħ tal-mandat tiegħu sabiex jappoġġja Stati Membri oħra soġġetti għal pressjoni partikolari u biex jikkoopera ma' korpi rilevanti, bħall-Frontex, fil-provvediment tat-tali appoġġ. Fejn rilevanti, l-azzjonijiet ta' appoġġ f'emerġenza tal-EASO se jikkumplimentaw kwalunkwe azzjoni li ssir fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-regolament Dublin III.

## 5.1. Grupp ta' intervent dwar l-asil

| Twaqqif u żamma ta' grupp ta' intervent dwar l-asil | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jżomm grupp aġġornat ta' esperti sabiex ikollu grupp ta' intervent dwar l-asil (asylum intervention pool — AIP) effikaċi, iżomm linji ta' komunikazzjoni miftuħa mal-punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) tal-AIP dwar il-kwistjonijiet kollha pertinenti għat-timijiet ta' appoġġ għall-asil u jipprovdi assistenza għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-kundizzjonijiet tal-mobilizzazzjoni ta' dawk it-timijiet. | |
| **Ġdid fl-2014** | Matul l-2014, l-EASO se jistudja wkoll l-aħjar prattiki u għodod tal-UE u internazzjonali għall-mobilizzazzjoni tal-esperti. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza sa żewġ laqgħat annwali mal-NCPs tal-AIP fl-Istati Membri. | K2 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa annwali. |
| **Baġit** | 3301 Appoġġ orizzontali għall-Istati Membri taħt pressjoni partikolari | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

## 5.2. Il-Greċja

| L-appoġġ tal-EASO għall-Greċja | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jipprovdi appoġġ f'emerġenza lill-Greċja wara li ssir talba minnha. L-attivitajiet kollha ta' appoġġ tal-EASO huma stabbiliti fil-fażi II tal-pjan operattiv tal-EASO għall-Greċja (OPII) li jkopri l-perjodu mill-1 ta' April 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014. L-EASO se jieħu ħsieb u jimmobilizza iktar minn 70 espert innominat mill-Istati Membri f'55 tim ta' appoġġ għall-asil (ASTs) fil-Greċja fl-2013–14. | |
| **Ġdid fl-2014** | Jistgħu jkunu mistennija emendi possibbli għall-OP II fuq talba tal-Greċja. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-iskjerament ta' AST u miżuri oħrajn ta' appoġġ fil-Greċja b'konformità mal-OP II. | K1–K4 | Għadd ta' ASTs;<br>Għadd ta' miżuri oħra ta' appoġġ;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-Greċja bil-miżuri ta' appoġġ f'emerġenza. |
| **Baġit** | 3302 Appoġġ f'emerġenza | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

## 5.3. Tħejjija għall-appoġġ f'emerġenza

| Appoġġ lill-Istati Membri li għandhom pressjoni partikolari fuq is-sistema tal-asil tagħhom | |
|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jiżviluppa proċeduri operazzjonali komprensivi u metodoloġiji għall-appoġġ f'emerġenza li jikkomplimentaw dawk il-proċeduri u l-metodoloġiji identifikati għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-regolament Dublin III. |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiżviluppa pjan ta' azzjoni għall-mobilizzazzjoni ta' appoġġ f'emerġenza futur appoġġjat mill-EASO lill-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni partikolari b'konformità mal-pakkett riformulat dwar l-asil. Se tinxteħet importanza speċjali fuq l-aċċess effettiv tal-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali għall-proċeduri tal-asil.<br>Se tingħata attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni operazzjonali mal-Frontex u ma' partijiet interessati oħrajn sabiex jiġu allinjati miżuri ta' appoġġ. |

**Prestazzjoni**

| L-attivitajiet tal-EASO fl-2014 | Meta | Indikaturi |
|---|---|---|
| Proċeduri ta' ttestjar għall-kooperazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. | K1–K4 | Għadd ta' proċeduri ttestjati;<br>Użu tar-riżultati tat-testijiet; |
| L-EASO se jorganizza sa żewġ workshops dwar il-kooperazzjoni prattika mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u esperti esterni oħrajn, sabiex jiġu żviluppati u ttestjati proċeduri u sabiex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għall-appoġġ f'emerġenza. | K2/K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Jiġu żviluppati u ttestjati għadd ta' proċeduri. |
| **Baġit** | 3302 Appoġġ f'emerġenzaEmergency support | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

# 6. Appoġġ ta’ informazzjoni u analiżi

Li wieħed ikollu informazzjoni preċiża u fil-ħin dwar il-flussi ta’ applikanti għall-asil preżenti u potenzjali lejn l-UE u fl-UE , kif ukoll informazzjoni affidabbli dwar kif sistemi nazzjonali qed ikampaw b’dawn il-flussi hija essenzjali sabiex wieħed jifhem is-sitwazzjoni kumplessiva tal-asil fl-UE, sabiex l-Istati Membri jkunu kemm jista’ jkun ippreparati u sabiex l-EASO jipprovdi appoġġ effettiv fejn huwa meħtieġ.

Fl-2014, l-EASO se jkompli jiżviluppa **sistema ta’ dokumentazzjoni** dwar is-sistemi u l-organizzazzjonijiet tal-asil tal-Istati Membri, kif ukoll dwar żviluppi fattwali, ġuridiċi u ta’ ġurisprudenza nazzjonali u Ewropej. F’din is-sistema ġenerali ta’ dokumentazzjoni, l-EASO se jieħu l-ewwel passi lejn l-istabbiliment ta’ bażi ta’ dejta tal-ġurisprudenza Ewropea u tal-Istati Membri relatata mad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* tal-EU dwar l-asil.

L-EASO se jiżviluppa wkoll sistema li taħdem għall-ġbir tad-dejta u l-analiżi permezz ta’ interazzjoni mal-Grupp għall-Forniment ta’ Statistiki (GPS) u permezz tal-użu tan-netwerk sabiex jinġabru rispons u suġġerimenti għal titjib.

Ir-regolament ġdid Dublin III jipprevedi kompetenzi addizzjonali għall-EASO. Dawn il-kompiti ġodda jeħtieġu żieda sostanzjali ta’ riżorsi li għandhom jiġu allokati lill-EASO sabiex dan jaqdi l-kompiti tiegħu f’dan il-qasam. L-Artikolu 33 tar-regolament ġdid ta’ Dublin jirrikjedi li l-EASO ikollu rwol ewlieni fl-istabbiliment ta’ “mekkaniżmu ta’ twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta’ kriżijiet” fil-qasam tal-asil.

Barra minn hekk, ir-rapport annwali tal-EASO dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE se jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni ġenerali tal-asil u l-funzjonament tas-SEKA.

## 6.1. Is-sistema ta’ dokumentazzjoni tal-EASO

| Is-sistema ta’ dokumentazzjoni tal-EASO | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-iskop li jiżviluppa sistema ta’ dokumentazzjoni dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-asil tal-Istati Membri, kif ukoll fuq żviluppi fattwali, ġuridiċi u ta’ ġurisprudenza nazzjonali u Ewropej b’konformità mal-pakkett riformulat dwar l-asil.<br>F’din is-sistema ta’ dokumentazzjoni ġenerali, l-EASO se jieħu l-ewwel passi lejn l-istabbiliment ta’ bażi ta’ dejta tal-każistika dwar il-ġurisprudenza Ewropea u tal-Istati Membri relatata mad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* tal-UE dwar l-asil. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jkompli jiżviluppa din is-sistema, inklużi l-ewwel passi lejn l-istabbiliment ta’ bażi ta’ dejta tal-każistika. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **L-attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jiġbor dejta regolari mill-Istati Membri dwar is-sistemi tal-asil tagħhom. | K1–K4 | Għadd ta’ Stati Membri li jipprovdu d-dejta mitluba;<br>Perjodu ta’ żmien li fih tiġi pprovduta d-dejta. |
| L-EASO se jieħu passi lejn l-istabbiliment ta’ bażi ta’ dejta tal-każistika dwar ġurisprudenza Ewropea u tal-Istati Membri relatata mal-*acquis* tal-UE dwar l-asil.<br><br>L-EASO se jagħżel u jiddistribwixxi ġurisprudenza Ewropea u nazzjonali rilevanti. | K1–K4 | Jintlaħqu stadji importanti lejn l-istabbiliment ta’ bażi ta’ dejta tal-każistika;<br>Għadd ta’ deċiżjonijiet nazzjonali u/jew tal-UE magħżula u distribwiti;<br>Użu tal-bażi ta’ dejta tal-każistika. |
| **Baġit** | 3103 Twissija Bikrija u Analiżi tad-Dejta | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi | |

# 6.2. Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE

| Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jipprovdi stampa komprensiva tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE fuq bażi annwali lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u tal-UE u lil partijiet interessati. Ir-rapport huwa abbozzat b'koordinazzjoni mar-rapport annwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-immigrazzjoni u l-asil. | |
| **Ġdid fl-2014** | Ir-rapport annwali dwar l-asil se jinkludi reviżjoni tal-analiżi ewlenin tas-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija, tal-funzjonament tas-SEKA u tal-iżviluppi ġuridiċi u tal-poltiki, fuq il-bażi ta' dejta u informazzjoni pprovduta min-netwerk EASO, b'mod partikolari d-DĠ tal-Affarijiet Interni, il-Eurostat, l-Istati Membri, il-UNHCR, il-Frontex u organizzazzjonijiet u NGOs internazzjonali oħrajn. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **L-attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jħejji abbozz, jadotta u jippubblika r-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE. | K2 | Rapport annwali adottat u ppubblikat;<br>Għadd ta' parteċipanti ewlenin jipprovdu kontribut għar-rapport annwali;<br>Użu tar-rapport annwali. |
| **Baġit** | 3102 Rapport annwali dwar l-asil | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi | |

## 6.3. Sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija

| Sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija (EPS) | |
|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew b'informazzjoni preċiżia u fil-ħin u analiżi dwar il-flussi tal-applikanti tal-asil lejn l-UE u fl-UE u l-kapaċità tal-Istati Membri li jirreaġixxu għalihom.<br>Għal dak l-għan, l-EASO se jikkoopera mad-DĠ għall-Affarijiet Interni, il-Eurostat, il-Frontex u msieħba istituzzjonali u partijiet interessati oħrajn.<br>Is-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija (EPS) tal-EASO se tagħti informazzjoni lill-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, ta' tħejjija u ta' ġestjoni ta' kriżi, ipprovdut fl-Artikolu 33 tar-regolament Dublin III. |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiġbor u janalizza dejta fuq bażi regolari sabiex jipprovdi twissijiet dwar flussi ġodda jew li nbidlu u l-kapaċità tal-Istati Membri li jindirizzawhom permezz ta' ġbir ta' dejta u analiżi skont sett ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi. L-EASO se jipproduċi rapporti kull tliet xhur jew kull xahar dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-asil fl-UE u rapporti *ad hoc* dwar suġġetti speċifiċi ta' interess. |

| Prestazzjoni | | |
|---|---|---|
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jiġbor dejta regolari mill-Istati Membri fis-sistema ta' dokumentazzjoni ġenerali tal-EASO. | K1–K4 | Għadd ta' Stati Membri li jipprovdu d-dejta mitluba;<br>Il-perjodu ta' żmien li fih tiġi pprovduta d-dejta. |
| L-EASO se jipproduċi rapporti regolari (kull xahar jew kull tliet xhur). | K1–K4 | Għadd ta' rapporti;<br>Il-perjodu ta' żmien li matulu jiġu pprovduti r-rapporti;<br>Użu tar-rapporti. |
| L-EASO se jipproduċi rapporti *ad hoc*. | K1–K4 | Għadd ta' rapporti;<br>Użu tar-rapporti. |
| L-EASO se jorganizza żewġ laqgħat tal-GPS. | K2, K4 | Għadd ta' laqgħat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| L-EASO se jikkoordina ma' partijiet interessati oħra f'attivitajiet relatati mal-EPS. | K1–K4 | Għadd ta' attivitajiet żviluppati ma' partijiet interessati oħra;<br>Għadd u tip ta' partijiet interessati ewlenin involuti. |
| **Baġit** | 3103 Twissija bikrija u analiżi tad-dejta | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi | |

# 7. Appoġġ ta' pajjiżi terzi

Matul l-2014, l-EASO se jkun f'pożizzjoni li jwettaq attivitajiet immirati sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tas-SEKA. L-attivitajiet taħt l-appoġġ ta' pajjiżi terzi se jkunu ta' bixra teknika u se jitwettqu biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-kuntest tal-politika tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni. Dawn l-inizjattivi se jiġu żviluppati bi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea.

## 7.1. Risistemazzjoni

| Attivitajiet ta' risistemazzjoni tal-EASO | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jkollu rwol ta' koordinazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni u azzjonijiet oħra dwar ir-risistemazzjoni li jkunu ttieħdu minn Stati Membri b'kooperazzjoni mal-UNHCR u l-IOM. L-EASO għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-UE f'dan il-qasam bil-għan li jintlaħqu l-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali tar-rifuġjati f'pajjiżi terzi u tintwera solidarjetà mal-pajjiżi ospiti. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jiżviluppa metodoloġiji u għodod li jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jirrisistemaw lir-rifuġjati. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jkompli jiżviluppa l-metodoloġiji u l-għodod għat-tisħiħ tal-ħila tal-Istati Membri sabiex jirrisistemaw lir-rifuġjati u jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni kontinwa u l-iżvilupp ulterjuri tal-programm konġunt tal-UE dwar ir-risistemazzjoni. | K1–K4 | Jiġu żviluppati għadd ta' metodoloġiji u għodod;<br>Użu tal-metodoloġiji u l-għodod. |
| L-EASO se jorganizza laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea, il-UNHCR, l-IOM u msieħba rilevanti oħra. | K3 | Laqgħa annwali tal-esperti organizzata;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa. |
| **Baġit** | 3205 Rilokazzjoni, risistemazzjoni u dimensjoni esterna | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

## 7.2. Dimensjoni esterna

| Attivitajiet tal-EASO dwar id-dimensjoni esterna | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jagħmel kull sforz biex jappoġġja d-dimensjoni esterna tas-SEKA bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea u fil-kuntest tal-politika tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jabbozza l-istrateġija tad-dimensjoni esterna tiegħu u jinkludiha fil-programm ta' ħidma pluriennali tiegħu (MAWP) 2014–16. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza workshop ta' kooperazzjoni prattika dwar elementi li jikkonċernaw l-istrateġija tal-EASO dwar id-dimensjoni esterna. | K1 | Workshop organizzat;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-workshop. |
| L-EASO se jibda bl-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-EASO tad-dimensjoni esterna inkluża fl-MAWP 2014–16. | K1 | Implimentati għadd ta' attivitajiet skont l-istrateġija tad-dimensjoni esterna. |
| L-EASO se jappoġġja t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tal-pajjiżi terzi ġirien tal-UE, b'mod partikolari il-kapaċità tagħhom li jipprovdu protezzjoni effettiva. | K1–K4 | Għadd ta' pajjiżi terzi involuti;<br>Għadd u tip ta' miżuri ta' appoġġ implimentati. |
| L-EASO se jappoġġja lill-pajjiżi terzi ġirien tal-UE bil-għan li jintlaħqu l-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali tar-rifuġjati f'pajjiżi terzi u li tintwera solidarjetà mal-pajjiżi ospiti tagħhom. | K2–K4 | Għadd ta' pajjiżi terzi involuti;<br>Għadd u tip ta' miżuri ta' appoġġ implimentati. |
| L-EASO se jappoġġja l-implimentazzjoni ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali u azzjonijiet oħra rilevanti għal soluzzjonijiet fit-tul f'pajjiżi terzi. | K3–K4 | Għadd ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali involuti;<br>Għadd u tip ta' miżuri ta' appoġġ implimentati. |
| **Baġit** | 3205 Rilokazzjoni, risistemazzjoni u dimensjoni esterna | |
| **Riżorsi umani** | Iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operazzjonali | |

# 8. Il-qafas u n-netwerk tal-EASO

Il-kuntest tal-EASO jista' jkun rappreżentat kif ġej:




## 8.1. Bord tal-Amministrazzjoni

Il-Bord tal-Amministrazzjoni huwa l-korp tat-tmexxija u l-ippjanar tal-EASO. Il-funzjonijiet ewlenin tal-Bord tal-Amministrazzjoni huma stipulati fl-Artikolu 29 tar-Regolament tal-EASO, inkluża l-ħatra tad-direttur eżekuttiv u l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma, il-baġit u r-rapporti annwali tal-EASO. Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu responsabbiltà kumplessiva sabiex jiżgura li l-EASO iwettaq l-obbligi tiegħu b'mod effettiv. Il-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO huwa kompost minn membru minn kull Stat Membru — minbarra d-Danimarka, li hija mistiedna tattendi bħala osservatur — żewġ membri mill-Kummissjoni Ewropea u membru wieħed tal-UNHCR li ma għandux vot. Il-membri kollha jinħatru fuq il-bażi tal-esperjenza tagħhom, ir-responsabbiltà professjonali u l-grad għoli ta' kompetenza esperta fil-qasam tal-asil. Id-Danimarka hija mistiedna tattendi bħala osservatur waqt il-laqgħat kollha tal-Bord tal-Amministrazzjoni u laqgħat oħra rilevanti.

Għaldaqstant, il-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO huwa kompost minn 29 membru sħiħ, membru wieħed mingħajr vot (UNHCR) u stat osservatur wieħed.

Il-pajjiżi assoċjati (l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera) huma mistiedna jieħdu sehem fit-taħditiet bħala osservaturi, b’konformità mal-arranġamenti konklużi fl-2013.

Il-Frontex hija mistiedna tikkontribwixxi u tattendi ċerti taħditiet tal-Bord tal-Amministrazzjoni, speċjalment fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, is-sistema ta’ twissija bikrija u ta’ tħejjija u s-sitwazzjoni fil-Greċja.

Fl-2014, l-EASO qed jippjana li jorganizza tliet laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni bil-possibilità li jsiru laqgħat oħrajn meta jkun hemm bżonn fuq l-inizjattiva tal-president jew wara talba minn terz tal-membri tiegħu.

| Il-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jiżgura li l-Bord tal-Amministrazzjoni tiegħu jkompli jaqdi b’mod effikaċi u effiċjenti l-kompiti tiegħu bħala korp ta’ tmexxija u ppjanar tal-EASO. | |
| **Ġdid fl-2014** | Il-pajjiżi assoċjati se jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni b’konformità mal-arranġamenti konklużi fl-2013. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **L-attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jorganizza tliet laqgħat tal-Bord tal-Amministrazzjoni bil-possibilità li jkun hemm laqgħat addizzjonali fuq l-inizjattiva tal-president jew wara li ssir talba minn terz tal-membri tiegħu. | K2–K4 | Għadd ta’ laqgħat;<br>Għadd ta’ parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat. |
| **Baġit** | 2306 Nefqiet għal-laqgħat amministrattivi interni u esterni | |
| **Riżorsi umani** | Uffiċċju Eżekuttiv | |

## 8.2. Netwerk ta’ kooperazzjoni tal-EASO

### 8.2.1. Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

Bħala aġenzija regolatorja deċentralizzata tal-UE li għandha l-istruttura ta’ governanza tagħha, l-EASO jaġixxi fi ħdan il-politiki u l-qafas istituzzjonali tal-UE. F’dan il-kuntest, ir-responsabbiltà politika għall-qasam tal-asil hija tal-Kummissarju Ewropew responsabbli għall-affarijiet interni u għaldaqstant jeżistu rabtiet qawwija mal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-attivitajiet kollha tal-EASO. Fl-2014, il-Kummissjoni Ewropea se tiġi mistiedna tagħti l-opinjoni tagħha dwar dokumenti speċifiċi li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO b’konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament EASO. Matul l-2014, se jsiru laqgħat regolari fil-livelli kollha u konferenzi bil-vidjo regolari mad-DĠ għall-Affarijiet Interni relatati mal-politiki. Barra minn hekk, matul l-2014, l-EASO se jikkoordina mal-Kummissjoni Ewropea l-abbozzar ta’ rapporti. Għall-informazzjoni, meta jabbozzaw ir-rapporti, l-EASO u l-EMN se jisiltu mill-istess dejta mill-Istati Membri bħar-rapport annwali tal-EASO. L-EASO se jipparteċipa fil-laqgħat EMN NCP u l-Bord tat-Tmexxija tiegħu u laqgħat tematiċi rilevanti.

B’konformità mar-regolament EASO, l-EASO se jibgħat il-programm ta’ ħidma annwali tiegħu u r-rapport tal-attività annwali tiegħu lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea. Id-direttur eżekuttiv huwa mistieden regolarment biex jirrapporta lill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni rigward is-SEKA. Barra minn hekk, id-direttur eżekuttiv huwa mistieden jippreżenta l-programm ta’ ħidma tal-EASO, kif ukoll suġġetti speċifiċi relatati mal-ħidma tal-EASO, lill-Parlament Ewropew.

Fl-2014, l-EASO se jkollu rwol ta’ appoġġ għall-qafas finanzjarju pluriennali u l-arranġamenti ġodda dwar il-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni. F’dan ir-rigward, l-EASO se jipprovdi informazzjoni dwar prijoritajiet operazzjonali u dwar prijoritajiet speċifiċi tal-Istati Membri li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-finanzjament immirat.

L-EASO se jissodisfa r-rwol istituzzjonali tiegħu fil-kuntest tal-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 33 tar-regolament Dublin III billi jieħu azzjoni u jinforma lill-istituzzjonijiet rilevanti involuti fil-passi differenti tal-mekkaniżmu.

### 8.2.2. Kooperazzjoni mal-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

Meta jaqdi dmirijietu, l-EASO jaġixxi b’kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet

Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti oħrajn.

Fir-rigward tal-UNHCR, l-EASO jikkoopera mill-qrib ma' u jinvolvi lill-UNHCR fl-oqsma kollha koperti mir-regolament tal-EASO. Fl-2013, l-EASO u l-UNCHR iffirmaw arranġament tax-xogħol. Fuq dik il-bażi, fl-2014 se tissaħħaħ il-kooperazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tat-taħriġ, il-proċessi tal-kwalità, il-persuni minorenni mhux akkumpanjati, ir-risistemazzjoni, id-dimensjoni esterna tas-SEKA u fil-qasam ta' appoġġ speċjali u f'emerġenza. Il-kooperazzjoni strutturata se tkompli fl-oqsma kollha. Il-UNHCR jieħu sehem fil-Bord tal-Amministrazzjoni tal-EASO bħala membru li ma għandux vot u fejn rilevanti, se jkun mistieden għal-laqgħat tal-partijiet ta' ħidma tal-EASO. Barra minn hekk, ta' min jisħaq li l-uffiċċju ta' kollegament permanenti tal-UNHCR għall-EASO ibbażat f'Malta, se jkompli l-attivitajiet tiegħu fl-2014.

Matul l-2014, l-EASO se jkollu kuntatt mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti oħrajn li jaħdmu fl-oqsma tal-asil, bħall-Kunsill tal-Ewropa, id-Diretturi Ġenerali tal-Konferenza dwar is-Servizzi tal-Immigrazzjoni (GDISC), il-Konsultazzjonijiet Intergovernattivi dwar il-Migrazzjoni, l-Asil u r-Rifuġjati (IGC) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). Rigward il-Kunsill tal-Ewropa u l-IOM, fl-2014 l-EASO se jaqsam l-opinjonijiet regolarment u se jikkontribwixxi għall-ħidma tagħhom. Fir-rigward tal-GDISC, l-EASO se jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tiegħu, billi jieħu sehem f'diversi konferenzi u workshops tal-GDISC, filwaqt li, fuq il-bażi ta' skambju ta' ittri mal-IGC, l-EASO se jkun mistieden regolarment għal ħafna mill-gruppi ta' ħidma tal-IGC u d-direttur eżekuttiv se jkun mistieden għas-serje sħiħa tal-IGC.

## 8.2.3. Kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u l-aġenziji tal-JHA

### Netwerk tal-aġenziji tal-UE

L-EASO jippromwovi kooperazzjoni soda mal-aġenziji l-oħra tal-UE bħala membru tan-Netwerk ta' Koordinazzjoni bejn l-Aġenziji. Fl-2014, l-attivitajiet se jkunu ffukati fuq l-iskambju ta' metodi ta' ħidma u l-aħjar prattiki għall-amministrazzjoni u l-affarijiet ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-prestazzjoni, l-ibbaġitjar u l-immaniġġjar ibbażati fuq l-attività jew il-kunflitt ta' interessi.

Fl-2014, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, l-EASO se jkompli jimplimenta l-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE u l-pjan direzzjonali tiegħu.

L-EASO se jieħu sehem fl-attivitajiet rilevanti organizzati fl-2014 fil-kuntest tan-netwerk ta' prestazzjoni u n-Netwerk Ġuridiku bejn l-Aġenziji (Inter-Agency Legal Network - IALN), li l-EASO ngħaqad miegħu b'mod formali fl-2013.

### Netwerk tal-aġenziji tal-JHA

L-EASO huwa wkoll membru tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġustizzja u l-affarijiet interni (JHA), flimkien mal-Frontex, l-FRA, il-Europol, il-Eurojust, is-CEPOL, l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF).

Fl-2014, l-EASO se jieħu l-presidenza tan-netwerk f'idejh u se jorganizza laqgħa tal-kapijiet tal-aġenziji tal-JHA. Barra minn hekk, se jiġu organizzati sa erba' laqgħat tal-grupp ta' kuntatt tal-JHA u avvenimenti relatati. Matul l-2014, in-netwerk se jiffoka fuq l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' suġġetti speċifiċi għall-JHA għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni fuq l-aġenziji deċentralizzati tal-UE u fuq l-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet ta' azzjonijiet ta' koordinazzjoni fil-kuntest tal-programmi pluriennali tal-JHA.

### Frontex

Fuq il-bażi tal-arranġament tax-xogħol iffirmat mill-Frontex u l-EASO f'Settembru 2012, il-kooperazzjoni eżistenti se tkompli matul l-2014. Il-Frontex u l-EASO se jkomplu bl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni sostenibbli fuq programmi ta' taħriġ, inizjattivi tal-kwalità u s-COI, kif ukoll fuq programmi ta' appoġġ f'emerġenza bħall-kooperazzjoni mal-Greċja. Barra minn hekk, il-Frontex u l-EASO se jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-unitajiet analitiċi tagħhom dwar is-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejjija. Fl-2014 l-EASO se jikkoopera mal-Frontex fl-iżvilupp ta' attivitajiet rilevanti fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Il-Frontex u l-EASO se jżommu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet ta' xulxin vis-à-vis is-soċjetà ċivili, anki fil-kuntest tal-fora konsultattivi rispettivi tagħhom. Fl-2014, l-EASO se jkompli jieħu sehem bħala membru tal-Forum Konsultattiv tal-Frontex.

### FRA

Fl-2014, l-FRA u l-EASO se jibnu fuq il-kooperazzjoni eżistenti b'konformità mal-arranġament tax-xogħol iffirmat miż-żewġ aġenziji f'Ġunju 2013. L-FRA u l-EASO se jkomplu jaqsmu l-informazzjoni, jipprovdu kontribut għall-attivitajiet tar-riċerka u jaqsmu metodoloġiji tar-riċerka u tal-ġbir tad-dejta. Iż-żewġ organizzazzjonijiet se jkomplu bil-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tat-taħriġ. Fl-2014, se tissokta l-kooperazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet konsultattivi ta' xulxin.

### Europol

Fl-2014, il-Europol u l-EASO se jibnu fuq il-kooperazzjoni, speċjalment fil-qasam tas-sistema ta' twissija bikrija u tat-tħejjija u fil-qasam tat-traffikar tal-bnedmin u persuni minorenni mhux akkumpanjati. Oqsma ulterjuri ta' kooperazzjoni huma t-taħriġ, pereżempju fl-identifikazzjoni ta' involviment fi kriminalità organizzata li jiffaċilita l-użu

ta' dokumenti foloz jew iffalsifikati fi pretensjonijiet għall-asil, u l-iskambju ta' esperjenzi mal-Forum Konsultattiv tal-EASO u metodi ta' konsultazzjoni.

**CEPOL**

Is-CEPOL u l-EASO se jiżviluppaw iktar il-kooperazzjoni fir-rigward tal-iskambju ta' metodoloġiji tat-taħriġ u l-EASO lest li jikkoopera fil-kuntest tal-programmi ta' skambju għall-uffiċjali tal-pulizija. L-EASO se jkun involut f'taħriġiet possibbli tas-CEPOL fuq l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.

**Eurojust**

L-EASO u l-Eurojust se jkomplu bil-kuntatti u r-relazzjonijiet reċiproċi, b'mod partikolari permezz tal-kanali tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

<table>
<tr><th colspan="3">In-netwerk tal-aġenziji tal-JHA</th></tr>
<tr><td>Għan(ijiet) tal-EASO</td><td colspan="2">L-EASO għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni multilaterali bejn l-aġenziji fil-qasam tal-JHA b'enfasi speċjali fuq l-iskambju ta' informazzjoni relatat ma' suġġetti speċifiċi għall-JHA għall-implimentazzjoni tal-approċċ komuni dwar aġenziji deċentralizzati tal-UE u fuq l-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet għal azzjonijiet ta' koordinazzjoni fil-kuntest tal-programmi pluriennali tal-JHA.</td></tr>
<tr><td>Ġdid fl-2014</td><td colspan="2">Fl-2014, l-EASO se jkollu l-presidenza tan-netwerk tal-aġenziji tal-JHA.</td></tr>
<tr><th colspan="3">Prestazzjoni</th></tr>
<tr><td>Attivitajiet tal-EASO fl-2014</td><td>Meta</td><td>Indikaturi</td></tr>
<tr><td>L-EASO se jorganizza laqgħa tal-kapijiet tal-aġenziji tal-JHA.</td><td>K4</td><td>Laqgħa tal-Kapijiet tal-aġenziji JHA organizzata;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa.</td></tr>
<tr><td>L-EASO se jorganizza sa tliet laqgħat jew avvenimenti tal-grupp ta' kuntatt tal-JHA.</td><td>K1–K4</td><td>Għadd ta' laqgħat jew avvenimenti organizzati;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħat jew tal-avvenimenti.</td></tr>
<tr><td>Baġit</td><td colspan="2">2306 Laqgħat amministrattivi interni u esterni</td></tr>
<tr><td>Riżorsi umani</td><td colspan="2">Uffiċċju Eżekuttiv</td></tr>
</table>

### 8.2.4. Kooperazzjoni mal-akkademja u l-membri tat-tribunali u l-qrati

L-EASO jiddedika attenzjoni speċjali għar-relazzjonijiet mad-dinja akkademika u mal-membri tat-tribunali u l-qrati tal-Istati Membri.

Fl-2014, id-dinja akkademika se tkun involuta fil-ħidma tal-EASO permezz ta' fora differenti, inklużi l-attivitajiet għall-iżvilupp tat-taħriġ. Id-dinja akkademika se jkompli jkollha rwol ewlieni fil-Forum Konsultattiv u l-laqgħat tal-esperti.

Matul l-2014, l-EASO u l-membri tat-tribunali u l-qrati se jikkooperaw mill-qrib, inkluż permezz tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Rifuġjati (International Association of Refugee Law Judges (IARLJ)) u l-kapitlu Ewropew tiegħu, kif ukoll mal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej (Association of European Administrative Judges — AEAJ)).

L-attivitajiet konkreti li se jiġu żviluppati matul l-2014 diġà ġew definiti fit-Taqsima 3.5.1.

## 8.3. Forum Konsultattiv

Il-Forum Konsultattiv jikkostitwixxi mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni u l-qsim tal-għarfien bejn l-EASO u l-partijiet interessati ewlenin. Matul l-aħħar sentejn, l-EASO saħħaħ ir-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà ċivili u talab il-kontribut tagħha fuq diversi temi. Tul l-2014, b'konformità mal-kalendarju ta' konsultazzjoni tal-EASO għall-2014, l-EASO se jkompli jikkonsulta organizzazzjonijiet rilevanti dwar temi speċifiċi, permezz tal-użu tal-kriterji tal-għażla definiti fil-pjan operazzjonali tal-Forum Konsultattiv. L-EASO se jikkonsulta wkoll lis-soċjetà ċivili matul il-fażi kollha tal-abbozzar tal-programm ta' ħidma għall-2015, ir-rapport annwali u prodotti oħra permezz tal-użu ta' firxa ta' għodod li kienu meqjusa adattati u sa issa effiċjenti.

Matul l-2014, l-EASO se jiżviluppa pjattaforma elettronika ta' konsultazzjoni bħala żvilupp ulterjuri għall-"paġna ta' konsultazzjoni" fuq il-websajt tal-EASO. Il-pjattaforma se tintuża għal konsultazzjonijiet onlajn u oqsma oħra ta' komunikazzjoni mas-soċjetà ċivili. L-internet se jkompli jkun l-istrument ewlieni għall-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili. Fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura matul l-ewwel sentejn tal-

operat, se jiġu organizzati attivitajiet speċifiċi ta' konsultazzjoni għal gruppi mmirati, bħall-membri tat-tribunali u l-qrati. Fuq il-bażi tal-esperjenza mill-avvenimenti fl-2012 u l-2013, l-EASO se jorganizza konferenza miftuħa għas-soċjetà ċivili u sessjoni plenarja fir-raba' kwart tal-2014.

| Attivitajiet tal-Forum Konsultattinv tal-EASO | | |
|---|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO se jimpenja ruħu fi djalogu reċiproku mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili sabiex jaqsmu l-kompetenza esperta u l-esperjenzi. | |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jesplora oqsma ġodda ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet magħżula tas-soċjetà ċivili u se jistabbilixxi pjattaforma elettronika ta' konsultazzjoni. | |
| **Prestazzjoni** | | |
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se jikkonsulta lill-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili. | K1–K4 | Għadd u tip ta' konsultazzjonijiet imwettqa;<br>Għadd ta' organizzazzjonijiet ikkonsultati;<br>Għadd ta' kontribuzzjonijiet li waslu;<br>Użu tal-kontribuzzjonijiet li waslu. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa plenarja annwali tal-Forum Konsultattiv. | K4 | Laqgħa plenarja organizzata;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa plenarja. |
| Parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-konferenza annwali tal-kooperazzjoni prattika tal-EASO dwar persuni minorenni mhux akkumpanjati. | K4 | Għadd ta' parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. |
| L-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika ta' konsultazzjoni. | K4 | Stabbilita pjattaforma elettronika ta' konsultazzjoni;<br>Għadd ta' konsultazzjonijiet imnedija fuq il-pjattaforma elettronika ta' konsultazzjoni;<br>Għadd ta' kontribuzzjonijiet li jkunu waslu;<br>Użu tal-kontribuzzjonijiet li jkunu waslu. |
| **Baġit** | 3401 Kooperazzjoni mal-imsieħba u l-partijiet interessati | |
| **Riżorsi Umani** | Uffiċċju Eżekuttiv | |

# 9. Amministrazzjoni tal-EASO

## 9.1. Immaniġġjar tar-riżorsi umani

Huwa ppjanat li fl-2014, il-korp tal-persunal se jilħaq l-84, inklużi tmien membri oħrajn tal-persunal li se jinħatru fl-ewwel nofs tal-2014.

L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni annwali tal-persunal bdiet tiġi implimentata fl-2013. Fl-2014, l-EASO se jipprofessjonalizza l-politika interna tiegħu dwar il-persunal u l-immaniġġjar tal-persunal, eż. fir-rigward tal-evalwazzjonijiet, l-analiżi tal-prestazzjoni u l-attivitajiet ta' taħriġ tal-persunal.

## 9.2. Ġestjoni finanzjarja

L-EASO se jitlob dħul b'mod sod u bbilanċjat u se jiżgura kontroll effettiv u effiċjenti tan-nefqa, sabiex iwettaq il-kompiti leġiżlattivi kurrenti u possibbli ġodda b'mod vantaġġuż, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-limitazzjonijiet fir-riżorsi li ġejjin. B'appoġġ tal-ġestjoni tal-prestazzjoni, l-EASO se jkompli jfassal l-implimentazzjoni gradwali ta' bbaġitjar ibbażat fuq żero b'ħeffa.

Fir-rigward tad-dħul tal-EASO, minbarra l-kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-UE, huwa previst li l-arranġamenti konklużi mal-pajjiżi assoċjati jipprovdu qafas għall-kontribuzzjoni tagħhom mill-2014 'il quddiem.

Fir-rigward tan-nefqa tal-EASO, il-fokus se jkompli jkun fuq l-iżgurar tal-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji possibbli b'konformità mal-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effettività, kif ukoll regolarità. F'dak ir-rigward, in-nefqa se tiġi mġarrba b'applikazzjoni rigoruża tar-regoli tal-UE u tal-EASO. Ir-regolament finanzjarju tal-EASO se jiġi rivedut fejn meħtieġ mir-regolament finanzjarju kwadru ġdid għall-aġenziji tal-UE. Dan il-qafas normattiv ġdid se jkun ikkumplimentat iktar bid-deċiżjonijiet tal-EASO, fejn neċessarju, inklużi dawk relatati mar-rimborż ta' esperti mobilizzati jew mistiedna.

## 9.3. Ġestjoni tal-kuntratti

Wara li jiġu stabbiliti diversi impenji ġuridiċi pluriennali fl-2013, b'mod partikolari dawk relatati mal-proġetti ta' importanza strateġika għall-EASO, se tingħata attenzjoni importanti lill-ġestjoni soda tal-għotjiet u l-kuntratti pubbliċi kkonċernati.

## 9.4. Governanza tal-IT

Se tingħata attenzjoni partikolari lis-settur tal-IT, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-EASO vis-à-vis l-Istati Membri fir-rigward l-użu, it-taħriġ u l-ittestjar ta' applikazzjonijiet ta' softwer relatati mas-servizzi tal-asil. Barra minn hekk, se jkunu meħtieġa konsolidazzjoni u titjib ulterjuri tal-kontinwità tan-negozju u l-infrastruttura tal-ICT, minħabba li l-għadd ta' utenti (mill-EASO u mill-Istati Membri) se jkompli jiżdied, kif ukoll il-kumplessità tal-applikazzjonijiet tas-softwer.

Fl-2014, is-sistemi ICT tal-EASO se jiġu awtomatizzati għal kollox u bi grad għoli ta' disponibbiltà. Is-servizz tal-għajnuna se jkun ikkontrollat permezz ta' proċeduri u se jiġi żgurat li jitneħħa dak li hu żejjed fis-servizz tal-ICT. Is-sodisfazzjon tal-utent għandha titkejjel. Is-sistemi u l-infrastrutturi għandhom ikunu simplifikati u s-sistemi għandhom ikunu faċli għall-utenti, b'livell għoli ta' ubikwità. Hemm bżonn li jibda l-iżvilupp sabiex jintlaħqu l-aspettattivi tal-utenti u sabiex ir-rutini tal-EASO jiġu orjentati lejn applikazzjonijiet metodiċi u rapporti siewja. Fl-aħħar nett, għandu jiġi stabbilit qasam ġdid ta' investigazzjoni li jippermetti lill-persunal tal-ICT biex jiskopri d-dgħufijiet u biex jinvestiga iktar modi ħalli jitjieb il-mod li bih is-sistemi ICT għandhom jaqdu lill-persunal u l-għanijiet tal-missjonijiet tal-EASO fil-kuntest tal-miżuri ta' sigurtà.

Se jsiru analiżijiet tar-riskji fl-oqsma ewlenin li ġejjin tal-attivitajiet amministrattivi tal-ICT: is-servizz tal-għajnuna, l-amministrazzjoni tas-sistemi, l-iżvilupp, l-immaniġġjar ta' proġetti, il-pjan ta' rkupru minn diżastru u r-riżervi tad-dejta. Wara dan, se ssir reviżjoni perjodika, se jiġu aġġornati jew jinħolqu proċeduri, flussi ta' xogħol u kejl b'konformità mal-eżitu tal-analiżi tar-riskju. Huwa mistenni wkoll li jkun hemm appoġġ estern għall-konsulenza u li jsiru eżerċizzji ta' ttestjar sabiex is-sejbiet interni jiġu sinkronizzati u mqabbla mal-iktar xejriet riċenti fl-oqsma tal-ICT. Se jitwettqu analiżi tar-riskju fuq sistemi ta' softwer operazzjonali u se jinbdew eżerċizzji li jittestjaw it-theżjijiet għall-penetrazzjoni.

Għall-2014, is-settur tal-ICT prinċipalment se jkun iffukat fuq dawn li ġejjin:

- sistema ta' mmaniġġjar tad-dokumenti;
- implimentazzjoni ta' standards u regolamenti ta' sigurtà;
- pjan ta' rkupru minn diżastru;
- pjan ta' kontinwità tan-negozju;
- preparazzjoni għal ċentru operazzjonali tal-IT sekondarju;
- l-iskedar tal-eżerċizzju estern tal-ittestjar tas-sigurtà tal-IT.

## 9.5. Komunikazzjoni

L-EASO se jibni fuq l-isforzi ta' komunikazzjoni pubbliċi tiegħu 2012–13 sabiex jippromwovi ir-rwol, il-valuri,

l-attivitajiet u l-ħidma tal-aġenzija ggwidati mill-prinċipji deskritti fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EASO se jkollhom l-għan ukoll li jsaħħu l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri. Il-kanal ta' komunikazzjoni prinċipali tal-EASO, il-websajt tal-EASO (http://www.easo.europa.eu), se jkunu kkumplimentati minn firxa ta' kanali oħrajn li jenfasizzaw il-**messaġġi ewlenin** tal-EASO,speċjalment:

- l-appoġġ huwa l-missjoni tagħna;
- inpoġġu s-solidarjetà fil-prattika;
- valuri komuni, kwalità u solidarjetà; kif ukoll
- nipprovdu valur miżjud għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

Il-messaġġi ewlenin tal-EASO se jkunu kkomunikati b'mod trasparenti permezz ta' diversi kanali sabiex jiżguraw li jintlaħqu mill-usa' udjenza possibbli u għaldaqstant tiżdied il-leġittimità tiegħu.

Il-websajt tal-EASO se tkun iċ-ċentru tal-isforzi ta' komunikazzjoni tiegħu. L-EASO se jfittex modi kif jiżviluppa u jimmodernizza iktar il-websajt tiegħu b'konformità mar-rispons tal-utenti u bl-użu tal-aħjar prattiki ta' websajts simili. Kanali oħra jinkludu:

- l-istampa miktuba u awdjoviżiva;
- parteċipazzjoni f'avvenimenti (bħal open days tal-UE, laqgħat ta' smigħ pubbliku, u avvenimenti oħra inklużi okkazzjonijiet politikament importanti );
- preżentazzjonijiet u wirjiet tax-xogħol u l-attivitajiet tal-EASO;
- pubblikazzjonijiet u rapporti;
- bulettin ta' kull xahar tal-EASO;
- stqarrijiet għall-istampa; kif ukoll
- siltiet mill-gazzetti ta' kuljum (għal użu intern).

| Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-EASO | |
|---|---|
| **Għan(ijiet) tal-EASO** | L-EASO għandu l-għan li jikkomunika u jippromwovi r-rwol, il-valuri, l-attivitajiet u l-ħidma tal-aġenzija b'konformità mal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-EASO.<br>L-EASO se jiffoka fuq il-kompitu tal-aġenzija li tiffaċilita, tikkoordina u ssaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-asil. |
| **Ġdid fl-2014** | L-EASO se jaġġorna l-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu, jiżgura l-implimentazzjoni tal-identità viżwali tiegħu u jiżviluppa l-funzjonalitajiet ulterjuri tal-websajt tiegħu. |

| Prestazzjoni | | |
|---|---|---|
| **Attivitajiet tal-EASO fl-2014** | **Meta** | **Indikaturi** |
| L-EASO se joħroġ tal-inqas disa' edizzjonijiet tal-bulettin tiegħu. | K1–K4 | Għadd ta' edizzjonijiet tal-bulettin tal-EASO. |
| L-EASO se jorganizza laqgħa ta' informazzjoni u networking għall-uffiċjali tal-istampa tal-Istati Membri tal-UE inkarigati mill-kwistjonijiet ta' affarijiet interni. | K3–K4 | Laqgħa ta' informazzjoni u networking organizzata;<br>Għadd ta' parteċipanti;<br>Livell ta' sodisfazzjoni tal-parteċipanti;<br>Użu tal-eżitu tal-laqgħa. |
| Aġġornament tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-EASO. | K1–K2 | Adottata strateġija ta' komunikazzjoni aġġornata. |
| Żieda fl-għadd ta' abbonati għall-bulettin. | K1–K4 | Percentwal ta' żieda fl-abbonati tal-bulettin. |
| L-EASO se joħroġ mill-inqas tmien stqarrijiet għall-istampa. | K1–K4 | Għadd ta' stqarrijiet għall-istampa;<br>Użu tal-istqarrijiet għall-istampa. |
| Monitoraġġ tal-kopertura tal-istampa tal-EASO u l-pubblikazzjoni tal-iktar artikoli importanti fuq il-websajt. | K1–K4 | Għadd ta' punti inklużi fl-arkivu tal-istampa;<br>Numru ta' artikoli ppubblikati fuq il-websajt. |
| L-EASO se joħroġ siltiet mill-gazzetti ta' kuljum interni. | K1–K4 | Għadd ta' siltiet mill-gazzetti ta' kuljum interni. |
| L-EASO se jorganizza tal-inqas sitt intervisti ta' livell għoli mal-istampa. | K1–K4 | Għadd ta' intervisti ta' livell għoli mal-istampa. |
| L-EASO se jiżgura li l-pubblikazzjonijiet u t-traduzzjonijiet EASO kollha huma tal-ogħla kwalità. | K1–K4 | Tintlaħaq kwalità għolja ta' pubblikazzjonijiet u traduzzjonijiet tal-EASO. |
| L-EASO se jiżgura implimentazzjoni sħiħa tal-identità viżwali tal-EASO. | K1–K4 | Użu tal-identità viżwali tal-EASO. |
| Żieda fl-għadd ta' viżitaturi tal-websajt tal-EASO. | K1–K4 | Żieda perċentwali fl-għadd ta' viżitaturi tal-websajt tal-EASO. |

| | | |
|---|---|---|
| L-EASO se jiżgura tweġibiet fil-ħin għall-mistoqsijiet li jaslu mill-pubbliku u mill-istampa. | K1–K4 | Il-perjodu ta' żmien li fih jitwieġbu l-mistoqsijiet;<br>Użu tat-tweġibiet. |
| Ġestjoni effiċjenti tal-kaxxa postali elettronika tal-EASO. | K1–K4 | Għadd ta' mistoqsijiet u tweġibiet;<br>Perjodu ta' żmien li fih jitwieġbu l-mistoqsijiet;<br>Użu tal-kaxxa postali elettronika tal-informazzjoni tal-EASO. |
| **Baġit** | 2309 Spejjeż amministrattivi għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni;<br>2310 Pubblikazzjonijiet amministrattivi;<br>2311 Komunikazzjonijiet. | |
| **Riżorsi Umani** | Uffiċċju Eżekuttiv | |

## 9.6. Sistemi ta' kontroll intern u mmaniġġjar

### 9.6.1. Implimentazzjoni mill-EASO tal-approċċ komuni dwar aġenziji deċentralizzati tal-UE

Fl-2014, l-EASO se jkompli jimplimenta l-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati u l-pjan direzzjonali tiegħu li kienu adottati fl-2012.

Bħala aġenzija li għandha tibda, l-EASO diġà kkonforma ma' għadd kbir ta' għanijiet stabbiliti fl-approċċ komuni u l-pjan direzzjonali u beda bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet rilevanti fis-snin li għaddew.

Barra minn hekk, fl-2014, l-EASO se jiffoka partikolarment fuq:

- kunflitti ta' interess;
- azzjonijiet ta' segwitu relatati mal-evalwazzjonijiet;
- attivitajiet kontra l-frodi;
- ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività u mmaniġġjar ibbażat fuq l-attività.

### 9.6.2. Sistemi ta' kontroll intern u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)

Fit-23 ta' Novembru 2012, il-Bord tal-Amministrazzjoni adotta l-istandards ta' kontroll intern (internal control standards — ICS) għal immaniġġjar effettiv ([1]).

Bejn l-20 u l-24 ta' Mejju u bejn il-21 u l-25 ta' Ottubru 2013, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) żaret lill-EASO għall-ewwel eżerċizzju tal-awditjar estern. Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, l-EASO daħħal miżuri ta' titjib, b'mod partikolari fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-baġit u l-proċeduri ta' reklutaġġ.

Fl-2014, l-EASO se jkompli jallinja l-attivitajiet u l-proċessi tiegħu mar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA.

Barra minn hekk, is-Servizz Intern tal-Awditjar (IAS) tal-Kummissjoni Ewropea żar l-EASO fis-7 u t-8 ta' Novembru 2012 u bejn il-11 u d-19 ta' April 2013 sabiex jiżviluppa l-valutazzjoni tiegħu dwar l-EASO. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni, l-EASO stabbilixxa pjan ta' azzjoni relatat mal-ICS li l-limplimentazzjoni tiegħu bdiet fl-2013. Ġie adottat ukoll mill-Bord tal-Amministrazzjoni fl-2013, pjan strateġiku komprensiv dwar l-eżerċizzju tal-awditjar intern 2014–16.

B'konformità mal-pjan ta' azzjoni dwar l-ICS u l-pjan strateġiku għall-eżerċizzju tal-awditjar intern 2014–16, fl-2014, l-EASO se jkompli jsaħħaħ l-implimentazzjoni tal-ICS billi jiżviluppa l-azzjonijiet li ġejjin:

- jistabbilixxi qafas etiku;
- jiżviluppa qafas għall-evalwazzjoni annwali tal-persunal u għall-iżvilupp tiegħu;
- jestendi l-użu tal-indikaturi tal-prestazzjoni;
- jimplimenta proċess għall-immaniġġjar tar-riksju;
- isaħħaħ l-istruttura ta' governanza tal-IT tal-EASO;
- jistabbilixxi qafas ta' kontinwità tan-negozju.

([1]) L-istandards ta' kontroll intern (ICS) li ġejjin għall-ġestjoni effettiva japplikaw għall-EASO: 1. Missjoni; 2. Valuri etiċi u organizzazzjonali; 3. Allokazzjoni u mobbiltà tal-persunal; 4. Evalwazzjoni u żvilupp tal-persunal; 5. Għanijiet u indikaturi tal-prestazzjoni; 6. Proċess tal-immaniġġjar tar-riskju; 7. struttura operazzjonali; 8. Proċessi u proċeduri; 9. Superviżjoni tal-maniġment; 10. Kontinwità tan-negozju; 11. Ġestjoni tad-dokumenti; 12. Informazzjoni u komunikazzjoni; 13. Kontabbiltà u rapportar finanzjarju; 14.Evalwazzjoni tal-attivitajiet; 15. Valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern; 16. Kapaċità tal-eżerċizzju tal-awditjar tal-EASO.

# 10. Annessi

## 10.1. Kuntratti pubbliċi u impenji ġuridiċi tal-EASO fl-2014

| Attività operazzjonali | Azzjoni kif definita fil-programm ta' ħidma | Suġġett tal-kuntratt | Valur tal-kuntratt | Tip ta' kuntratt | Proċedura ta' akkwist/ ta' kuntratt | Perjodu ta' żmien għat-tnedija |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kooperazzjoni mal-imsieħba u l-partijiet interessati | Taqsima 8.3 | Organizzazzjoni tal-avveniment u servizzi relatati għall-Forum Konsultattiv | EUR 150 000 | Kuntratti speċifiċi għal servizzi | Kuntratti qafas EASO EASO/2013/113 EASO/2013/116 EASO/2013/117 EASO/2013/121 | K3 |
| Taħriġ | Taqsima 3.1 | Servizzi ta' appoġġ tal-IT għall-bini tal-fażi 2 tal-modulu ta' taħriġ tal-EASO | EUR 130 000 | Kuntratt qafas għal servizzi | Proċedura miftuħa | K1 |
| Taħriġ | Taqsima 3.1 | Servizzi ta' ospitabilità għall-fażi 2 tal-pjattaforma tat-taħriġ tal-EASO | EUR 120 000 | Kuntratt qafas għal servizzi | Proċedura miftuħa | K1 |
| Taħriġ | Taqsima 3.1 | Akkwist ta' bażi ta' dejta għall-fażi 1 tat-taħriġ tal-EASO | EUR 60 000 | Kuntratt dirett għall-provvisti u s-servizzi | Proċedura nnegozjata ta' valur baxx | K1 |
| Programmi speċjali | Taqsima 3.5.1 | Kelliem espert għall-konferenza tal-membri tal-qrati u t-tribunali fil-Lussemburgu | EUR 15 000 | Kuntratt dirett għal servizzi | Proċedura nnegozjata ta' valur baxx | K2 |
| Programmi speċjali | Taqsima 3.5.1 | Servizz tal-ikel għall-membri tal-konferenza tal-qrati u t-tribunali fil-Lussemburgu | EUR 15 000 | Kuntratt dirett għal servizzi | Proċedura nnegozjata b'valur baxx | K2 |
| Informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini | Taqsima 3.3 | Manutenzjoni tal-IT u servizzi ta' żvilupp għal portal tal-internet tas-COI | EUR 150 000 | Kuntratti speċifiċi għal servizzi | Kuntratt qafas EASO/2013/101 | K2 |
| Twissija bikrija u ta' tħejjija | Taqsima 6.3 | Liċenzji tas-softwer | EUR 150 000 | Kuntratti speċifiċi għall-provvisti | Kuntratt qafas tal-Kummissjoni Ewropea (DIGIT) SACHA II | K1 |

## 10.2. Pubblikazzjonijiet u traduzzjonijiet tal-EASO fl-2014

| | Pubblikazzjoni | Numru ta' lingwi |
|---|---|---|
| 1 | Programm ta' ħidma tal-EASO għall-2014 | 24 |
| 2 | Rapport tal-attività annwali tal-EASO | 24 |
| 3 | Baġit tal-EASO | 24 |
| 4 | Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE | 5 |
| 5 | Ħames rapporti jew prodotti tas-COI | 5 |
| 6 | Żewġ għodod tal-EASO għall-iżvilupp personali għall-membri tal-qrati u t-tribunali | 5 |
| 7 | Żewġ għodod tal-EASO għall-proċessi tal-kwalità | 5 |
| 8 | Handbook dwar il-valutazzjoni tal-età | 5 |
| 9 | Dokument dwar it-traċċar tal-familja | 5 |
| 10 | Erba' moduli ta' taħriġ tal-EASO | 1 |
| 11 | Erba' aġġornamenti tal-modulu tat-taħriġ tal-EASO | 1 |
| 12 | Fuljett tat-taħriġ tal-EASO | 1 |
| 13 | Żewġ handbooks tat-taħriġ tal-EASO | 1 |

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil

EASO programm ta' ħidma 2014

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 37 pp. — 21 × 29,7 cm

ISBN 978-92-9243-039-9
doi:10.2847/11215

BZ-AC-13-001-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9243-039-9

doi:10.2847/11215